ARĊIDJOĊESI TA' MALTA

DOKUMENT TAS-SINODU DJOĊESAN



# ŻWIEĠ U FAMILJA

sinodu MALTA

DOKUMENT TAS-SINODU DJOĊESAN

# ŻWIEĠ U FAMILJA

"KIEN MISTIEDEN ...
HU WKOLL"

(Ġw 2,2)

sinodu
MALTA

2003

ISBN: 99932 - 49 - 10 - 4

© Arċidjoċesi ta' Malta, Floriana, 2003

Produzzjoni tal-Media Centre Publications

Stampat fil-Media Centre, Blata l-Bajda

# WERREJ

Preżentazzjoni v

Kap I
"Fit-tielet jum sar tieġ f'Kana tal-Galilija"
Il-viżjoni ta' Kristu u tal-Knisja
dwar iż-żwieġ 1

Kap II
"Ma għandhomx inbid"
Dellijiet fiż-żwieġ u l-familja f'Malta, illum 10

Kap III
"Agħmlu kull ma jgħidilkom hu"
Proposti ta' azzjoni biex nersqu lejn
il-viżjoni mixtieqa 22

Kap IV
"Wara dan, niżel Kafarnahum" 47

# PREŻENTAZZJONI

Dan id-dokument għandu bħala sfond il-ġrajja ta' meta Ġesù bidel l-ilma f'inbid fit-tieġ ta' Kana. Fih tliet taqsimiet prinċipali.

Fl-ewwel taqsima, hemm preżentazzjoni fil-qosor tat-tagħlim ta' Kristu u tal-Knisja dwar iż-żwieġ. Il-Knisja tħares lejn iż-żwieġ bħala għaqda intima ta' ħajja u mħabba bejn il-miżżewġin, imwaqqfa minn Alla u mibnija fuq il-kunsens personali u irrevokabbli tagħhom. Għall-insara ż-żwieġ huwa wkoll "sagrament", sinjal ta' l-imħabba ta' Alla. Fid-dokument hemm tifsira ta' l-ispiritwalità fil-prattika taż-żwieġ.

Fit-tieni taqsima, huma ttrattati "dellijiet" li jinsabu f'xi żwiġijiet u familji Maltin. Fost dawn jissemmew l-influwenza tad-dinja tax-xogħol fuq il-familja; sitwazzjonijiet fejn ir-relazzjoni bejn ir-raġel u l-mara mhix waħda "bi sħab"; in-nuqqas ta' impenn bejn il-koppja; il-materjaliżmu fis-soċjetà; is-separazzjonijiet; it-trobbija ħażina; l-effett tal-*media* u sitwazzjonijiet diffiċli oħrajn bħal dawk ta' familji mtaqqla bil-mard, mewt jew firda.

It-tielet taqsima fiha proposti konkreti ta' azzjoni. Qabel xejn, l-attitudni fundamentali tal-Knisja trid tkun waħda ta' qadi lejn il-bniedem. Ħafna mill-proposti jistgħu jitwettqu mill-familji nsara stess u fi ħdan il-parroċċa.

Hemm diversi prijoritajiet li d-dokument jittratta:

- it-tħejjija għaż-żwieġ, li trid tibda ferm qabel ma jibda l-Kors li jsir għall-għarajjes (e.g. trobbija fi ħdan il-familji u

tagħlim li jingħata fl-iskejjel) – hemm proposti dwar kif tista' titjieb din it-tħejjija u kif isir *follow-up* għall-Kors tal-għarajjes li jsir bħalissa.

- il-*counselling*, li hemm bżonn jiżdied u jinfirex aktar, u jsir aktar aċċessibbli għal min ikollu bżonn.
- it-twaqqif tal-Kummissjoni Djoċesana Familja li tgħin fil-koordinament tal-ħidma li ssir favur il-pastorali tal-familja fid-djoċesi, kif ukoll fil-formazzjoni f'dan il-qasam.
- strutturi oħra li jgħinu fil-ħidma favur il-kultura tal-ħajja.
- kummissjoni pastorali dwar it-Tribunal Ekkleżjastiku.

Id-dokument fih ukoll suġġerimenti dwar il-ħidma pastorali tal-Knisja ma' persuni li qed jgħixu f'sitwazzjonijiet irregolari. Hemm ukoll proposti konkreti oħra rigward il-familja bħala suġġett ta' evanġelizzazzjoni, it-talb fil-familja, is-sehem ta' l-Istat, partikolarment biex jinkiseb bilanċ akbar bejn id-dinja tax-xogħol u d-dinja tal-familja; u fuq kif il-Knisja tista' tuża aħjar il-*media* biex twassal il-messaġġ ta' Kristu dwar iż-żwieġ u l-familja.

Jalla s-Sinodu Djoċesan jagħti kontribut siewi għat-tisħiħ taż-żwieġ u tal-familja f'Malta, u għal għajnuna f'waqtha lil dawk li għaddejjin minn tbatija jew minn żminijiet diffiċli.



# Kap I

## "FIT-TIELET JUM SAR TIEĠ F'KANA TAL-GALILIJA"

## Il-viżjoni ta' Kristu u tal-Knisja dwar iż-żwieġ

## "Kien mistieden... hu wkoll"

1

L-Aħbar it-Tajba tal-Knisja dwar iż-żwieġ hija li "omm Ġesù kienet hemm" u li kien mistieden "hu wkoll" (Ġw 2,1-2). Dawn il-kliem, fil-qosor ħafna, jgħidulna x'inhu żwieġ sagrament: żwieġ sagrament huwa żwieġ fejn Ġesù huwa preżenti, fejn huwa l-mistieden speċjali, anzi fejn Ġesù huwa l-ħajja stess taż-żwieġ.

## Stedina għall-festa tat-tieġ

2

L-Evanġelju kollu huwa stedina għall-festa tat-tieġ. "Is-Saltna tas-smewwiet tixbah lil wieħed sultan li għamel festa għat-tieġ ta' ibnu" (Mt 22,2). Il-Knisja wkoll tiċċelebra l-Inkarnazzjoni bħala festa tat-tieġ ta' Alla mal-ħolqien kollu. Israel kien jgħanni dwar ir-relazzjoni tiegħu ma' Jaħweh bħala tieġ sublimi, sintesi ta' l-imħabbiet umani l-oħra kollha. Kristu wkoll jitkellem dwar l-aħħar tad-dinja qisha festa tat-tieġ. Ġesù nnifsu huwa l-għarus, u l-Knisja hija għarusa li tistenna lill-maħbub tagħha li għad jerġa' jiġi.[1]

## Il-patt bejn Alla u l-poplu tiegħu

3

Fit-Testment il-Qadim ir-relazzjoni ta' Alla mal-poplu tiegħu hija ppreżentata bħala relazzjoni intima bejn għarus imxennaq għal għarustu: "Jiena se niġbidha, neħodha fid-deżert u lil qalbha nkellem" (Ħos 2,16) u "Jien tal-maħbub tiegħi u xewqtu tiġbdu lejja" (Għan 7,11).

1 Ara Ġwanni Pawlu II, Ittra lill-Familji *Gratissimam Sane* (2 ta' Frar 1994), 18.

Din ir-relazzjoni ta' Alla mal-poplu tiegħu ġiet imfissra diversi drabi bħala relazzjoni ta' mħabba bbażata fuq patt, u dan bi kliem bħal: "Jistgħu jitħarrku l-muntanji, jitheżhżu l-għoljiet, imma mħabbti minn miegħek ma titħarrikx, u s-sliem tal-patt tiegħi ma jitheżhiżx" (Is 54,10). Minkejja li ħafna drabi Israel kasbar il-ħalfa u kiser dan il-patt, Alla xorta waħda żamm fidil lejn kelmtu u wiegħed: "Imma jien niftakar fil-patt li għamilt miegħek fi żmien żgħożitek u nġedded il-patt tiegħi miegħek għal dejjem" (Eżek 16,60).

## Għaqda intima ta' ħajja u mħabba

## 4

Għal ħafna snin il-Knisja ħarset lejn iż-żwieġ qabel kollox bħala kuntratt. Imma fi żmien il-Konċilju Vatikan it-Tieni seħħet bidla importanti għax bdejna nitkellmu dwar iż-żwieġ bi kliem bħal: "L-għaqda intima tal-ħajja u ta' l-imħabba bejn il-miżżewġin, imwaqqfa minn Alla fil-ħolqien u regolata b'liġijiet proprji, titwaqqaf fuq il-patt taż-żwieġ, jiġifieri fuq il-kunsens personali u irrevokabbli".[2]

Minn hawn joħorġu kwalitajiet oħra taż-żwieġ:

(i) iż-żwieġ huwa patt bejn raġel wieħed u mara waħda – unità u kumplimentarjetà (ara Ġen 1,27);

(ii) iż-żwieġ ma jinħallx – indissolubbiltà (ara Mt 19,3-11) – u dan huwa element essenzjali ta' kull żwieġ, anki ta' żwieġ li mhux sagrament;

(iii) iż-żwieġ huwa qaddis – kemm minħabba li kien Alla nnifsu li għamlu u kemm minħabba ż-żewġ għanijiet tiegħu (jiġifieri l-imħabba ta' bejn il-miżżewġin u t-tnissil ta' l-ulied) – dawn iż-żewġ għanijiet huma magħqudin flimkien u l-ebda wieħed minnhom ma hu aqwa mill-ieħor.

2 Konċilju Vatikan II, Kostituzzjoni Pastorali *Gaudium et Spes* (7 ta' Diċembru 1965), 48.

## Iż-żwieġ ta' l-imgħammdin huwa sagrament

5

Għall-insara ż-żwieġ m'huwiex biss "kuntratt" kif kien jissejjaħ qabel jew "patt ta' mħabba" kif jissejjaħ illum, imma huwa wkoll "sagrament": is-sagrament ta' l-imħabba. Il-kelma sagrament stess tfisser sinjal, sinjal li jfisser u jagħti l-grazzja. Fis-sagrament taż-żwieġ is-sinjal m'humiex iċ-ċrieket imma l-għotja tal-koppja lil xulxin. Dan jiġi espress fil-kliem "Jiena nieħu lilek b'zewġi/b'marti u nwiegħdek li nżomm ruħi fidil/a lejk, fir-riżq it-tajjeb u l-ħażin, fil-mard u fis-saħħa, u li nħobbok u nirrispettak tul ħajti kollha".[3] B'dan il-kliem titfisser u tingħata l-grazzja tas-sagrament. Il-ministri tas-sagrament mhux is-saċerdot imma l-koppja stess li jwasslu l-grazzja tas-sagrament lil xulxin.

## Sinjal ta' xiex?

6

Is-sagrament taż-żwieġ huwa sinjal ta' l-imħabba ta' Alla. Għalhekk mara u raġel li jiżżewġu bi żwieġ sagrament għandhom ir-responsabbiltà li jħobbu lil xulxin bil-mod kif iħobb Alla. Kif iħobb Alla? Alla jħobb bla ma jagħmel kundizzjonijiet; iħobbna kif aħna u mhux sakemm nogħġbuh; Alla mhux possessiv fl-imħabba tiegħu; ma jfittixx x'jista' jieħu minna imma dejjem ħsiebu fil-ġid tagħna; Alla ma jisfurzaniex, iħallina fil-libertà; Alla ma jixbax jistenniena biex ftit ftit ninbidlu u nsiru bnedmin aħjar; jaħfer kollox u dejjem; Alla hu fidil u jibqa' fidil anki meta aħna ma nibqgħux fidili; Alla mhux biss jaħfrilna imma jiskużana.

Ġaladarba Alla jħobb b'dan il-mod – u hu Kristu stess li jgħallimna u jurina dan kollu, tant li wasal biex ta ħajtu għalina – allura l-miżżewġin huma msejħin biex iħobbu b'dan il-mod. Mela jekk Alla jħobb bla

[3] Rit tas-Sagrament taż-Żwieġ: il-kliem tal-kunsens.

kundizzjoni, il-miżżewġin ukoll iridu jħobbu bla kundizzjoni u mhux biss sakemm xi ħadd minnhom jissodisfa l-bżonnijiet u x-xewqat ta' l-ieħor. Jekk Kristu kien fidil u baqa' jħobb anki lil min ittradih, il-miżżewġin iridu jħobbu b'dan il-mod ukoll – jiġifieri jibqgħu fidili anki jekk l-ieħor ma jkunx baqa' fidil. Jekk Alla għandu fiduċja fina li nistgħu ninbidlu għall-aħjar u ma jixbax jistenniena, hekk ukoll il-miżżewġin huma msejħin biex ikollhom din il-fiduċja f'xulxin. Jekk Alla jaħfer kollox u dejjem, hekk ukoll il-miżżewġin huma msejħin biex jaħfru lil xulxin dejjem u f'kollox. Jekk Alla mhux biss jaħfrilna imma wkoll jiskużana, hekk ukoll il-miżżewġin għandhom jagħmlu ma' xulxin.

Għalhekk il-fedeltà u l-indissolubbiltà taż-żwieġ huma konsegwenza naturali ta' l-imħabba u mhux xi liġijiet imposti minn barra biex itaqqlu jew ixekklu lill-miżżewġin. Għall-kuntrarju, il-fedeltà u l-indissolubbiltà qegħdin biex jipproteġu l-istess imħabba ta' bejn il-miżżewġin. Il-fedeltà u l-indissolubbiltà m'humiex xi żvantaġġ, anzi huma att ta' fiduċja ta' Alla fil-miżżewġin.

## It-Trinità u ż-żwieġ

7

Alla tagħna hu Alla wieħed fi tliet persuni, il-Missier, l-Iben u l-Ispirtu s-Santu f'komunjoni perfetta. Il-Missier, sa mill-eternità, jagħti lilu nnifsu b'imħabba perfetta lill-Iben. L-Iben, li mill-eternità jirċievi l-għotja tal-Missier, jagħti lilu nnifsu b'imħabba perfetta lill-Missier. Din l-imħabba perfetta ta' bejn il-Missier u l-Iben hija persuna eterna oħra, l-Ispirtu s-Santu.[4] Meta koppja miżżewġa tistqarr li hija maħluqa xbieha ta' Alla, it-tnejn ikunu qed jgħidu li huma msejħin biex iħobbu kif iħobb Alla, f'għaqda ta' persuni li tagħti l-ħajja. U dan jagħmluh speċifikament bħala raġel u mara. Ir-raġel hu dispost li jkun għotja għal martu u l-mara, li tirċievi din l-għotja tar-raġel, issir għotja hi wkoll lilu.

[4] Ara *Katekiżmu tal-Knisja Kattolika* (1992), par. 264.

Dan hu mfisser b'mod mill-aqwa fil-*Katekiżmu tal-Knisja Kattolika*: "Alla ħalaq il-bniedem għax ħabbu, sejjaħlu wkoll għall-imħabba, li hi s-sejħa fundamentali u naturali ta' kull bniedem. Dan għaliex il-bniedem hu maħluq fuq is-sura u x-xbieha ta' Alla (ara Ġen 1,27), li hu fih innifsu Mħabba (ara 1 Ġw 4,8.16). Għaliex Alla ħalaq il-bniedem raġel u mara, l-imħabba tagħhom għal xulxin hi xbieha ta' l-imħabba assoluta, li ma tiġi nieqsa qatt, ta' Alla għall-bniedem. Hi ħaġa tajba, tajba ħafna f'għajnejn il-Ħallieq (ara Ġen 1,31). U din l-imħabba, li Alla jbierek, trid tagħti l-frott tagħha u tilħaq il-kobor sħiħ tagħha fil-ħidma flimkien għall-ħarsien tal-ħolqien: "U berikhom Alla u qalilhom: 'Nisslu u oktru, u mlew l-art u aħkmuha' (Ġen 1,28)".[5]

Li tħobb u tkun maħbub kif iħobb Alla hija l-aktar xewqa profonda fil-qalb tal-bniedem. Kien Alla nnifsu li qiegħed din ix-xewqa fil-mara u r-raġel, meta ħalaqhom xbieha tiegħu. Xejn aktar ma hu se jserrħilhom u jimlielhom qalbhom. Il-miżżewġin jgħixu l-imħabba mhux biss permezz ta' l-espressjoni sesswali. Il-miżżewġin ifittxu li jixbhu lill-Missier meta huma **jissapportjaw** lil xulxin fl-aktar affarijiet prattiċi ta' kuljum, ikunu hemm għal xulxin, ikunu ta' sostenn lil xulxin. Huma jfittxu li jixbhu wkoll lill-Iben meta huma **jfejqu** lil xulxin billi jaħfru u joffru atmosfera ta' sigurtà, jaċċettaw lil xulxin kif inhuma u jfarrġu lil xulxin. Meta, imbagħad, il-miżżewġin **jgħinu lil xulxin jikbru** billi jinkuraġġixxu u jfaħħru lil xulxin, jagħmlu kumplimenti u jirringrazzjaw lil xulxin, u jagħmlu dak kollu li jgħin biex it-tnejn jiżviluppaw u jsiru persuni aħjar, ikunu qed jippruvaw jixbhu lill-Ispirtu s-Santu, il-Mulej li jagħti l-ħajja.

## Spiritwalità taż-żwieġ u l-familja

8

Bi spiritwalità taż-żwieġ u l-familja nifhmu dik il-mixja li matulha r-raġel u l-mara, magħqudin bi żwieġ sagrament, jikbru flimkien fil-fidi, fit-tama u fl-

5 *Ibid.*, par. 1604.

imħabba u fix-xhieda, quddiem uliedhom u quddiem id-dinja, tal-preżenza ħajja tas-Salvatur fid-dinja. F'din il-mixja nistgħu niddistingwu bejn l-ispiritwalità tal-koppja (li huma jgħixu permezz ta' dak kollu li jagħmel relazzjoni ta' mħabba ta' bejniethom) u l-ispiritwalità tal-familja (li hi magħquda ma' ta' l-ewwel imma tinfetaħ għar-relazzjoni bejn ġenituri u wlied). F'sens wiesa' l-ispiritwalità tal-familja tinkludi wkoll l-ispiritwalità tal-għerusija (b'dan nifhmu dik il-mixja ta' fidi lejn is-sagrament u lejn il-ħajja nisranija bħala koppja) u l-ispiritwalità tar-romol u tas-solitudni (meta xi ħadd mill-koppja jkun abbandunat mill-ieħor jew b'xi mod jibqa' waħdu).

Dawn huma kollha modi differenti ta' kif tgħix aspetti differenti taż-żwieġ. Dak li hemm komuni fihom huwa s-sejħa li tgħix il-ħajja nisranija bl-aktar mod sħiħ **hawn** u **issa**, jiġifieri b'mod konkret fiż-żmien li fih tkun u fil-post li fih tinsab. U dan l-"hawn" u "issa" huma fil-fatt il-konjuġi l-ieħor, l-ulied, ix-xogħol, id-dar, is-sesswalità, l-ambjent fejn joqogħdu. Huma l-post u l-ħin fejn Alla jesprimi s-sejħa tiegħu lill-miżżewġin u l-familji għall-qdusija.[6]

Huma dawn il-mumenti u ġrajjiet ta' kull jum li flimkien jibnu "Knisja domestika".[7] Din il-"Knisja" tinbena mhux biss fil-mumenti meta l-koppja jew il-familja tinġabar biex titlob flimkien imma fil-mumenti kollha tal-ġurnata (Ara Kol 3,12-15). **Din hija l-ispiritwalità proprja taż-żwieġ u l-Aħbar it-Tajba dwar dan is-sagrament: li kull mument jew ġrajja ta' kull jum jista' jkun "mument ta' grazzja".**

Għalhekk meta xi ħadd jistaqsi x'inhu ż-żwieġ fid-dawl ta' Alla, aħna l-insara nistgħu nwieġbu: iż-żwieġ huwa meta l-koppja tagħmel esperjenza ta' Alla l-Missier, l-Iben u l-Ispirtu s-Santu; meta raġel u mara miżżewġin isostnu lil xulxin, ifejqu lil xulxin u jgħinu lil xulxin biex jikbru. L-imħabba tal-miżżewġin insara, bl-għotja sħiħa tagħhom infushom lil xulxin, hija rifless ta' l-imħabba bejn il-Persuni fit-Trinità u ta' l-imħabba ta' Alla lejn l-umanità,

6 Ara *Gaudium et Spes*, 49.

7 Ġwanni Pawlu II, Eżortazzjoni Appostolika *Familiaris Consortio* (22 ta' Novembru 1981), 49.

u xbieha ta' l-imħabba ta' Kristu lejn il-Knisja, l-għarusa tiegħu. Il-koppja, bl-imħabba sagramentali tagħha, tfittex li tkun Ikona tat-Trinità: persuni ndaqs imma differenti kif turi l-personalità kollha tagħhom, li jagħtu ħajjithom lil xulxin bla kundizzjoni.

## Iż-żwieġ nisrani fil-misteru ta' Kristu

9

Din l-imħabba jitkellem dwarha San Pawl meta lill-Efesin jgħidilhom: "Intom, l-irġiel, ħobbu n-nisa tagħkom, kif Kristu ħabb il-Knisja u ta ħajtu għaliha... Hekk għandhom ukoll l-irġiel iħobbu n-nisa tagħhom bħallikieku ġisimhom stess. Min iħobb 'il martu jkun iħobb lilu nnifsu. Qatt ħadd ma bagħad 'il ġismu stess, iżda jmantnih u jieħu ħsiebu, bħalma jagħmel Kristu mal-Knisja, għax aħna lkoll membri tal-Ġisem tiegħu. Għalhekk ir-raġel iħalli lil missieru u 'l ommu u jingħaqad ma' martu, u jsiru t-tnejn ġisem wieħed... Għalhekk, intom ukoll, kull wieħed minnkom għandu jħobb lil martu bħalu nnifsu, u l-mara għandha ġġib rispett lil żewġha" (Ef 5,25.28-31).[8] Iż-żwieġ m'huwiex biss xbieha ta' l-imħabba ta' Kristu għall-Knisja: fl-imħabba bejn koppja nisranija hija preżenti u taħdem l-imħabba ta' Ġesù nnifsu.

## Il-familja bħala suġġett ta' evanġelizzazzjoni

10

Fil-fehma tal-Knisja, il-familja li toħroġ miż-żwieġ nisrani ssir ġebla soda għall-bini, il-ħajja u l-ħidma tal-Knisja. Il-familja nisranija hija msejħa biex ma tingħalaqx fiha nfisha: għandha l-missjoni li tkun mhux biss oġġett imma ssir hi stess suġġett ta' evanġelizzazzjoni, lesta li tferragħ l-inbid bnin tal-valuri nsara tkun fejn tkun fis-soċjetà. Huwa mill-kwalità ta' mħabba li jkun hemm fil-familji li fuq kollox tiddependi l-kwalità ta' mħabba fil-Knisja u fis-soċjetà.

8 Għal tifsira mill-isbaħ tal-"misteru l-kbir" ara *Gratissimam Sane,* 19.

# Il-familja ta' Nażaret

11

Wara li Ġesù ntilef u reġa' nstab fit-tempju, l-Evanġelju jgħidilna li huwa baqa' jikber "fil-għerf, fis-snin u fil-grazzja" (Lq 2,52). Dawn il-kliem ifakkruna fi tliet aspetti tal-ħajja li l-ġenituri jeħtieġ li jżommu ċertu bilanċ bejniethom. Dawn huma **l-għerf** (l-iżvilupp intellettwali, l-istudju, l-iskola), **is-snin** (l-iżvilupp fiżiku, is-saħħa, l-ikel, il-ħwejjeġ, eċċ) u **l-grazzja** (l-iżvilupp tal-fidi, tat-talb, tat-tagħlim reliġjuż) ta' uliedhom. Xi drabi jiġri li fil-familja tingħata importanza kbira lill-iżvilupp intellettwali (l-għerf) imma jkun ittraskurat dak spiritwali (il-grazzja), jew issir insistenza fuq l-iżvilupp fiżiku (snin) u jiġi injorat l-iżvilupp intellettwali (l-għerf). Jekk trid tixbah lil dik ta' Nażaret, kull familja trid iżżomm bilanċ bejn dawn it-tliet aspetti u tara li ma jkun traskurat l-ebda wieħed minnhom.



# Kap II

# "MA GĦANDHOMX INBID"

## Dellijiet fiż-żwieġ u l-familja f'Malta, illum

## "Ma kienx fadal izjed inbid" 12

Mhux kollox kien miexi ħarir fis-sala tat-tieġ. Bla ma ndunaw l-għarajjes, bla ma nduna dak li kien qed jieħu ħsieb il-mejda, bla ma ndunaw il-ġenituri tal-għarajjes, bla ma ndunaw il-mistednin... l-inbid kien spiċċa. U m'hawnx ħaġa aktar ta' swied il-qalb fid-dinja minn żwieġ jew familja li fihom ikun spiċċa l-inbid! X'qed jiġri f'xi żwiġijiet u f'xi familji tagħna? Huwa veru li jeżistu ħafna realtajiet pożittivi fil-familji Maltin ta' llum: kiber in-numru ta' familji ġenerużi li lesti jimpenjaw ruħhom favur min hu fil-bżonn; familji li fihom ir-raġel u l-mara jħarsu lejn xulxin bħala sħab indaqs u jrabbu 'l uliedhom bir-rispett li jixraq; familji li huma ta' dawl għall-oħrajn, eċċ. Imma fil-familji Maltin hemm ukoll ħafna dellijiet. Huwa b'mod partikulari lejn dawn id-dellijiet, fejn "spiċċalhom l-inbid", li rridu nitfgħu ħarsitna biex flimkien naraw x'nistgħu nagħmlu.

## Ix-xogħol 13

Iż-żwiġijiet u l-familji ma jeżistux ġo xi *vacuum* imma fid-dinja, għalhekk dak kollu li jseħħ fid-dinja, ħażin jew tajjeb, jaffettwa lill-familji u ż-żwiġijiet Maltin. Bla dubju ta' xejn, waħda mill-akbar influwenzi fuq il-familja u ż-żwieġ ġejja mid-dinja tax-xogħol, fosthom iż-żieda fin-numru ta' nisa li jaħdmu barra mid-dar u l-bidla fil-mentalità tal-mara nfisha. Illum in-numru ta' nisa li jaħdmu tela' għal terz tan-nisa kollha fl-età tax-xogħol, filwaqt li tletin sena ilu kwart biss tan-nisa ta' din l-età kienu jaħdmu. Bil-mod il-mod dan ġab bidla fid-dinamika tal-familja.

Fl-imgħoddi r-raġel kien l-uniku *breadwinner* fil-familja. Xi drabi dan kien għalih tentazzjoni ta' poter. Il-mara, riedet jew ma riditx, kienet tiddependi fuqu. Issa li f'ħafna każi hemm aktar minn *breadwinner* wieħed, dan m'għadux il-każ. Daħlet ċerta indipendenza, bir-riżultat li xi drabi l-partijiet iħossuhom indipendenti minn xulxin f'kollox, mhux biss

finanzjarjament. Minn "ma nistax ngħix mingħajrek" kultant sirna "m'għandix bżonnok". Fil-fatt relazzjoni b'saħħitha u komunikazzjoni tajba jitolbu li l-mara u r-raġel ikunu mhux indipendenti imma inter-dipendenti. Dan ifisser li jkunu kapaċi jaqsmu bejniethom, imma fl-istess ħin kapaċi wkoll jieqfu fuq saqajhom waħedhom; ikun hemm aktar *give and take* u dan mhux fis-sens ta' negozjar, imma fil-kwalità tar-relazzjoni li trid tinbena.

## Dinjità personali ndaqs

14

Għalkemm f'dawn l-aħħar snin daħlu diversi liġijiet li għarfu lill-mara d-dinjità u r-rispett li bi dritt suppost minn dejjem kienu tagħha, dak li jidħol b'daqqa ta' pinna mhux daqshekk faċli li jinbidel fil-mentalità. Għalhekk, minkejja dan, l-ideja li r-raġel jerfa' hu wkoll ir-responsabbiltà tat-trobbija tat-tfal u ż-żamma tad-dar – sew fejn il-mara tagħżel li ma taħdimx barra mid-dar sew fejn tagħżel li taħdem – għadha ma daħlitx.[9] Ħafna mill-irġiel għadhom b'idejat pjuttost patrijarkali u sessisti dwar il-familja, bir-riżultat li f'ħafna każi l-mara "titħalla taħdem" bil-kundizzjoni li tibqa' ġġorr waħedha r-responsabbiltajiet li huma fil-fatt tat-tnejn.

## Tbatija għall-mara

15

Għal din ir-raġuni l-opportunitajiet li nfetħu għall-mara fid-dinja tax-xogħol, minflok ġabu dinjità akbar, xi drabi ġabu aktar *stress*. Dan minħabba li minbarra l-għeja fiżika li d-doveri kollha li trid tlaħħaq magħhom qed iġibu fuqha, il-mara xi drabi tbati wkoll minn *stress* psikoloġiku kbir għax tħossha nieqsa mis-sostenn li r-raġel tagħha suppost jagħtiha. Minn fuq, xi drabi jintefgħu fuqha wkoll *guilt feelings* għax tħoss li qed tonqos mid-doveri

9 Ara Carmel Tabone, *Bilanċ bejn il-familja u x-xogħol*. Diskors mhux ippubblikat f'seminar dwar *Il-Mara fid-Dinja tax-Xogħol*, 1995.

tagħha lejn il-familja. Sitwazzjonijiet bħal dawn, fejn ir-relazzjoni bejn ir-raġel u l-mara mhix tassew "bi sħab", huma fost ir-raġunijiet għaliex l-inbid f'xi żwiġijiet qed jispiċċa.

## Nuqqas ta' impenn lejn xulxin

16

Sitwazzjoni li spiss tinħoloq f'xi familji Maltin hija dik li hekk kif jitfaċċaw it-tfal fil-familja, l-impenn tal-koppja lejn xulxin jonqos sew. Xi drabi dan iseħħ għax l-omm tagħti aktar importanza lill-ulied milli lil żewġha. Drabi oħra għax ikun il-missier innifsu li ma jkomplix jinvolvi ruħu fil-ħajja tal-familja. Meta l-ewwel impenn tal-koppja jkun lejn xulxin qabel kulħadd, allura t-tnejn se jħossu sigurtà u se jħossuhom sostnuti minn xulxin. Jekk omm trid tassew tieħu ħsieb ta' uliedha, l-ewwel ħaġa li għandha tagħmel hija li tħobb lil żewġha. L-istess jingħad għar-raġel.

## Xogħol u Familja

17

Biex ikun hemm ambjent fejn il-miżżewġin ikunu tassew ħaġa waħda fil-ħajja, hu importanti li d-deċiżjonijiet kollha jittieħdu flimkien u b'mod ħieles, inkluż fejn jidħol ix-xogħol barra d-dar u ġewwa d-dar. Meta mbagħad Alla jagħti r-rigal ta' ħajja ġdida, it-tarbija għandha tibdel il-ħajja tar-raġel u tal-mara. Għandha ssib fihom dawk li jilqgħuha u jipprovdulha l-ambjent adattat fejn tista' tikber u tiżviluppa f'relazzjoni intima ma' l-omm u mal-missier.

Fejn tidħol l-edukazzjoni u t-trobbija ta' l-ulied, dak li tista' tagħmel l-omm ma jista' jagħmlu ħadd: ħadd ma jista' jieħu postha. Hekk ukoll dak li jista' jagħmel il-missier ma jista' jagħmlu ħadd: ħadd ma jista' jieħu postu. Hu sewwasew fir-relazzjoni ma' l-omm u mal-missier li l-ulied, speċjalment fl-ewwel snin, jistgħu jikbru tassew f'persuni maħbuba u mħejjija għall-ħajja.

Għalhekk, dan ifisser li fejn jidħol ix-xogħol li jrid isir barra d-dar, id-deċiżjoni tal-ġenituri tqis l-ewwel il-ġid ta' l-ulied. Ma nistgħux ninsew li mhux biss ir-raġel u l-mara huma ndaqs; l-ulied ukoll għandhom id-drittijiet tagħhom u dawn għandhom jiġu rikonoxxuti u mħarsa fil-prattika. Fejn jidħol ix-xogħol li jsir id-dar, dan għandu wkoll ikun rikonoxxut u rrispettat kif jixraq minn kulħadd għas-siwi tiegħu. *Family-friendly policies* għalhekk għandhom ifissru *policies* li jqiegħdu fl-ewwel post il-ġid tal-familja, u b'mod speċjali ta' l-ulied fl-iżvilupp u fl-edukazzjoni tagħhom.

## Nuqqas ta' mudelli tajbin

18

Għalkemm l-ulied, tfal u żgħażagħ, huma influwenzati ħafna mill-*media*, mill-ħbieb u mill-ambjent ġenerali, jibqa' l-fatt li l-akbar u l-ewwel influwenza fuqhom huma l-ġenituri. Hemm ħafna ġenituri li huma mudelli ta' ħajja nisranija għal uliedhom, imma oħrajn m'humiex. Dan jidher mit-tip ta' għażliet li xi ġenituri jagħmlu; jidher fin-nuqqas ta' responsabbiltà; fil-kompromessi; fin-nuqqas ta' talb fil-familja, fin-nuqqas ta' komunikazzjoni. Xi ġenituri m'humiex qegħdin ipoġġu sfidi quddiem uliedhom imma jfissduhom u jissodisfawlhom kull xewqa li jkollhom u b'hekk qed idgħajfulhom is-sens tas-sagrifiċċju fl-imħabba. Xi "Knisja domestika" tista' tinbena minn ġenituri bħal dawn? Fin-nuqqas ta' mudelli tajbin numru ta' żgħażagħ li jaslu għall-ħajja miżżewġa qed ikunu neqsin minn valuri sodi u nsara.

## Is-soċjetà affluenti

19

Influwenza kbira oħra fuq il-familja u ż-żwieġ huma l-progress u s-soċjetà affluenti li aħna parti minnha. L-aspettattivi u l-kwalità medja tal-ħajja qed ikunu dejjem ogħla minn qabel. Imma biex tagħmel parti mis-soċjetà affluenti trid tħallas prezz. Wieħed ikollu jżid is-sigħat ta' xogħol tiegħu u

jqatta' ħafna aktar ħin barra d-dar, u dan joħloq aktar għeja u *stress* fil-familji. Soċjetà affluenti ġġib magħha r-riskju tal-konsumiżmu, l-għatx għall-karriera, il-poter u l-flus li xi familji qed jaljenaw rashom fih.

Meta jigri hekk, ix-xogħol isir ifisser biss mezz għal aktar infiq ta' flus. Minħabba dan, il-membri tal-familja qed ikollhom ħafna inqas ħin bejniethom: l-oġġetti jsiru jiswew aktar mill-persuni; jien insir niswa skond kemm għandi; il-moderazzjoni u s-sempliċità jibdew jidhru bla sens; il-valur tal-persuna jiddgħajjef; it-tfal u l-anzjani jidhru aktar bħala xkiel u piż. Sfortunatament il-ħajja hija qasira u l-ħin li l-ġenituri ma jqattgħux ma' wliedhom qatt ma jista' jerġa' jiġi lura. Nistaqsu: ħajja li qed tieħu din id-direzzjoni, mingħajr dixxerniment tal-valuri fundamentali tal-ħajja ta' fidi, tista' tissejjaħ nisranija jew evanġelika?

Il-ħajja affluenti qed iġġib tibdil ieħor radikali fil-familji tagħna: qed iddaħħal fostna stil ta' ħajja aktar individwalista, b'konsegwenza li ħafna drabi ma nistgħux nitkellmu fuq il-familja bħala *unit* wieħed u kumpatt imma bħala individwi li jgħixu flimkien. Dan qed iġib bdil fil-valuri tal-membri tal-familja u wkoll fil-mod stess kif dawn iħarsu lejn il-familja.[10]

## Effett fuq l-għarajjes

20

Konsegwenza serja ta' dan kollu huwa li l-għarajjes ukoll, sa minn qabel iż-żwieġ, qed ikollhom aspettattivi ħafna ogħla milli jistgħu jlaħħqu magħhom. U dan jgħodd għal **aspettattivi materjali** bħal, qabel xejn, it-tip u l-kobor tad-dar, l-għamara, il-karozza u ċ-ċerimonja tat-tieġ infisha. L-għarajjes qed jinqabdu f'dan l-ingranaġġ b'mod li qed jispiċċaw isofru mill-istess *stress*, tensjoni u nuqqas ta' ħin għal xulxin fl-għerusija stess. B'konsegwenza ta'

[10] Ara Anthony M. Abela, *Values of Women and Men in the Maltese Islands. A Comparative European Perspective*, Malta 2000, 42, 44-49; Benjamin Tonna, *The Sign of the Here and Now Criterion,* Malta 1997, 65, 76-83; Anthony M. Abela, *Shifting Family Values in Malta. A Western European Perspective*, Malta 1994, 38.

dan, ir-relazzjoni tagħhom ma tibqax prijorità, saħansitra lanqas fi żmien it-tħejjija għaż-żwieġ.

Dan jgħodd ukoll għall-**aspettattivi psikoloġiċi**, **emozzjonali** u **sesswali** għoljin ħafna li l-għarajjes qed ikollhom, bħalma huma livell għoli ta' mħabba, li jkunu jaqsmu kollox flimkien u li jkollhom ftehim kbir bejniethom. Imma dawn l-aspettattivi ħafna drabi ma jintlaħqux għax l-għarajjes mhux dejjem ikollhom il-valuri u l-ħiliet meħtieġa.

## Is-separazzjonijiet

21

Meta koppja tissepara, dan ikun ifisser telfa ta' relazzjoni importanti, mhux biss għall-koppja imma wkoll għat-tfal u għas-soċjetà. F'xi każi, bħal fejn hemm vjolenza domestika, abbuż tat-tfal jew abbandun, is-separazzjoni, għalkemm mhux mixtieqa, tidher bħala l-għażla l-inqas ħażina. Madankollu s-separazzjoni ġġib bidla mill-qiegħ fil-ħajja tal-familja, kemm soċjalment kif ukoll finanzjarjament.[11]

Karatteristika tipika ta' familji li fihom tkun seħħet separazzjoni huwa l-"faqar ġdid", speċjalment fost nisa li ma jaħdmux u li jżommu l-kustodja tat-tfal u li jiddependu fuq il-ħlas ta' manteniment li jagħtihom is-sieħeb separat. Dan il-faqar għandu konsegwenzi psikoloġiċi u soċjali fuq il-ġenituri u t-tfal li jkollhom jadattaw ruħhom, fost affarijiet oħra, għal livell ta' ħajja aktar baxx.

Skond iċ-Ċensiment ta' l-1995, il-perċentwal tal-popolazzjoni adulta li hija magħmula minn persuni separati hija 2.5 fil-mija. Din il-figura tista' tidher li hi kemmxejn baxxa. Dan il-perċentwal jista' jilħaq anki 7.5 fil-mija tal-familji kollha[12] kieku kellna ngħoddu wkoll lil dawk li baqgħu flimkien

11 Ara Paul Galea u Carmel Tabone, *Is-Separazzjoni, id-Divorzju u t-Tfal,* 'Paper' ippreżentata lill-Kummissjoni dwar il-Futur tal-Familja, 1997.

12 Ara *ibid*.

"minħabba t-tfal" jew minħabba problemi ta' *housing* jew diffikultajiet finanzjarji, jew minħabba lsien in-nies, jew li għadhom qed jistennew li jintemmu proċeduri legali. Min-naħa l-oħra ssib koppji li japplikaw għas-separazzjoni u jħalluha pendenti biex jieħdu għajnuna soċjali.

Għalhekk huwa importanti ħafna li jkollna kemm jista' jkun in-numru tas-separazzjonijiet. Dan mhux biss biex ikollna stampa aktar fattwali tas-sitwazzjoni. Jgħodd ħafna wkoll minħabba li n-numru tas-separazzjonijiet dejjem inġieb bħala argument favur li jiddaħħal id-divorzju u ħafna drabi dawn il-figuri ġew ukoll esaġerati. Huwa importanti għalhekk li tinżamm riċerka kontinwa dwar dan minn *Discern*.

## L-effett tat-trobbija

22

Mhux possibbli li wieħed isemmi l-kawżi kollha għaliex żwieġ jista' jitkisser. L-aktar ħaġa faċli hija li niġġeneralizzaw u nfittxu dawn il-kawżi barra minna. Mingħajr ma nnaqqsu mill-importanza ta' kawżi oħra bħal dawk imsemmijin f'paragrafi oħrajn, jeħtieġ nammettu li l-kawżi ta' tkissir taż-żwieġ ħafna drabi għandhom iż-żerriegħa tagħhom fina stess, b'mod speċjali fit-trobbija. Huwa fatt li meta persuna tidħol għal żwieġ, tkun qed iġġorr fiha kemm dak li kien sabiħ u pożittiv fit-trobbija tagħha u kemm dak li kien nieqes jew ikrah. Fost dak li seta' kien nieqes jew ikrah nistgħu nsemmu, per eżempju, persuni li kellhom ġenituri awtoritarji li forsi ħonqulhom il-personalità tagħhom; persuni li batew minn abbużi emozzjonali, psikoloġiċi, sesswali jew fiżiċi; oħrajn li għal żmien twil għexu b'rabja kbira miġmugħa ġo fihom.

Dawn u ħafna oħrajn huma "sitwazzjonijiet pendenti" li, jekk dak li jkun ma jkunx sar konxju minnhom, naturalment bl-għajnuna ta' ħaddieħor, u jekk ma jkunx ħadem fuqu nnifsu – speċjalment fejn dawn is-sitwazzjonijiet ikunu qawwija ħafna – se joħolqu problemi fiż-żwieġ. Dan iseħħ minħabba li persuna bħal din tista' tipproġetta fis-sieħeb tagħha dawk

il-persuni li fil-passat tagħha jkunu naqsuha, jew tibqa' tgħix ir-rwol li kienet ħadet meta kienet għadha żgħira. Xi drabi l-ġenituri jqisu bħala l-aktar ħaġa faċli li ġġib it-tfal fid-dinja u trabbihom. Fil-fatt iridu jindunaw li jeħtiġilhom ikunu jafu ħafna aktar dwar dak li jista' jgħinhom fir-relazzjoni ta' bejniethom kif ukoll fit-trobbija ta' uliedhom. Dan jgħin biex l-ulied ikollhom problemi inqas x'iġorru magħhom meta jiġu biex jibnu huma stess relazzjoni ma' ħaddieħor. Dan il-punt qatt ma tista' ssir enfasi żejda fuqu.

## Żwiġijiet ċivili u żwiġijiet imħallta

23

Meta wieħed iħares lejn in-numru ta' żwiġijiet ċivili f'Malta, jintebaħ li dawn qed jiżdiedu b'mod konsistenti. Madankollu, mill-figuri biss ma jistgħux jinġibdu konklużjonijiet malajr, minħabba li hemm wisq konsiderazzjonijiet x'wieħed jagħmel.

Hemm konsiderazzjonijiet li l-Knisja għandha tagħmel meta tħares lejn l-għadd sħiħ taż-żwiġijiet ċivili. Il-konsiderazzjonijiet ikunu differenti jekk tħares lejn dawk li fihom iż-żewġ partijiet kienu Maltin. U jerġgħu jkunu differenti wkoll fejn parti waħda biss kienet Maltija.[13]

Wieħed irid iżomm quddiem għajnejh li xi wħud mill-koppji li jiżżewġu ċivilment jagħmlu dan mhux għax huma kontra ż-żwieġ nisrani imma għax ma jkunux jistgħu jiżżewġu bil-Knisja. Oħrajn, wara li jiżżewġu ċivilment, aktar tard jikkonvalidaw iż-żwieġ fil-Knisja.[14]

13 Matul is-sena 2002 l-għadd ta' żwiġijiet f'Malta kien 2,077: 1,533 ċelebrati fil-Knisja u 544 ċivilment. Iż-żwiġijiet ċivili kienu mqassmin hekk: Maltin ma' Maltin 42; Maltin ma' barranin 276; barranin ma' barranin 226. Meta tneħħi l-226 żwiġijiet ċivili fejn iż-żewġ partijiet kienu barranin, il-perċentwal ta' żwiġijiet ċivili li fihom kienu involuti rġiel jew nisa Maltin (288) kien 15.8 fil-mija tat-total kollu ta' żwiġijiet li fihom kienu involuti Maltin (1,821).

14 Mal-għadd ta' żwigijiet ċelebrati fil-knisja għal 2002 (ara nota 13), wieħed irid iżid 53 konvalidazzjoni li saru f'dan il-perjodu, li minnhom 22 saru fi żmien sena miż-żwieġ. Ara *Church Marriages in Malta. Statistics 2002*, ta' l-Uffiċju taż-Żwiġijiet fil-Kurja ta' l-Arċisqof, Malta.

Hija meħtieġa riċerka kontinwa dwar dan minn *Discern* b'kollaborazzjoni mal-*Catholic Enquiry Centre.*

## *Media* u edoniżmu

24

"Meta jitħawwad l-ordni tal-valuri, u l-ħażin jitħallat mat-tajjeb, il-bnedmin, wieħed wieħed u fi gruppi, iqisu biss l-interessi tagħhom."[15] Dan iġib mentalità individwalista, fejn kollox jitkejjel bil-kejl tiegħi biss: "jekk għalija jagħmel sens, naċċettah; jekk le, narmih". Anki valuri assoluti u fundamentali, kif ukoll prinċipji morali u etiċi, qed jiġu relativizzati b'mod li l-kelma "kuxjenza" ħafna drabi saret tfisser biss "kif naħsibha u nħoss jien" jew li "jekk għalik hi dnub, forsi għalija mhix" jew li "kollox tajjeb, basta t-tnejn naqblu dwaru". Dan idgħajjef valuri fundamentali bħall-ħajja, il-fidi, il-valur tat-tbatija, il-valur ta' impenn għal ħajtek, il-fedeltà, is-sesswalità u oħrajn.[16]

Ħafna mill-prodotti tal-*media* qed jippromwovu l-pjaċir, il-poter u l-flus bħala l-valuri ewlenin, u jippreżentawhom b'mod aċċessibbli u li jolqot l-għajn. Hu għalhekk li qed jiżdied in-numru ta' dawk li jistennew sodisfazzjon immedjat mill-ħajja, fejn is-sess huwa mifrud mill-imħabba, fejn "ma jagħmilx sens" li toqgħod tistenna, li tagħmel sagrifiċċju u li tintrabat b'impenn personali f'relazzjoni dejjiema għal ħajtek kollha. Mhix sorpriża għalhekk li minkejja li f'Malta m'hawnx divorzju, xorta waħda qed tikber il-mentalità divorzista anki fost min iqis lilu nnifsu membru fil-Knisja. Lanqas ma hi sorpriża li l-"valuri" foloz qed jitħalltu ma' dawk tajbin, b'mod li l-falz qed jinħeba u jiġi misqi flimkien mat-tajjeb, bil-konsegwenza li dan jinxtered u jiġi adottat b'faċilità akbar. Biżżejjed wieħed iħares lejn xi

15 *Gaudium et Spes*, 37.

16 Skond l-aktar studji riċenti li saru, il-Maltin jagħtu importanza kbira lir-rabta taż-żwieġ, lill-fedeltà, li jqattgħu ħin flimkien, li jkollhom interessi komuni, li jsibu 'l min jifhimhom, it-tolleranza, ir-rispett, l-apprezzament u relazzjoni sesswali sodisfaċenti. Huma jħossu li *background* soċjali komuni huwa importanti wkoll imma naqas ħafna fl-importanza li jkollhom l-istess twemmin politiku kif ukoll li jkunu jaqsmu bejniethom l-istess twemmin reliġjuż. Ara *Values of Women and Men in the Maltese Islands*, Malta 2000.

programmi fuq it-televiżjoni jew rivisti li jitqassmu b'xejn ma' xi gazzetti Maltin ta' nhar ta' Ħadd.

## Demokrazija jew permissività?

25

Soċjetà affluenti ġeneralment hija wkoll soċjetà demokratika. Imma d-demokrazija u l-pluraliżmu xi drabi jitħalltu ma' permissività. Bħala eżempju, insemmu li f'pajjiżna, li hu pajjiż demokratiku, xi membri tal-Knisja stess qegħdin jitolbu bħala dritt ċivili stili ta' ħajja li jmorru lil hemm minn dak li hu aċċettabbli għall-morali nisranija. Fost dawn insemmu xi persuni separati jew divorzjati li qegħdin jgħixu f'relazzjoni oħra, persuni li qed jikkoabitaw jew li qed jgħixu f'relazzjonijiet omosesswali. F'dak li għandu x'jaqsam mal-morali sesswali nsibu min iġib ruħu b'libertà kważi assoluta u b'atteġġjament ta' ftit li xejn jeżistu limiti. Jeżistu wkoll sitwazzjonijiet kumplikati u ġodda fl-oqsma tal-mediċina u tal-bioloġija fejn f'xi każi l-uniku limitu donnu m'huwiex dak li hu etikament aċċettabbli imma dak li hu xjentifikament u finanzjarjament possibbli.

## "Fit-tielet jum kien hemm tieġ"

26

Minbarra s-sitwazzjonijiet imsemmija fil-paragrafi preċedenti, insemmu sitwazzjonijiet diffiċli oħrajn, bħal dawk ta' familji li għandhom lil xi ħadd marid jew li għaddew minn xi diżgrazzja; familji fejn wieħed mill-ulied telaq mid-dar; familji li laqgħu fi ħdanhom ġenitur anzjan u qed iħossu l-piż; familji fejn ħadd mill-ġenituri ma jaħdem; familji li sofrew it-telfa ta' xi membru; familji b'membru bil-vizzju tad-droga, xorb jew logħob, fejn hemm xi membru tal-familja jiskonta piena l-ħabs.

Dawn ukoll huma familji li jistennew li l-Knisja tferrgħalhom ukoll ftit inbid. Huma familji jew koppji li huma mtaqqla bis-salib u li jeħtieġu jieħdu

sehem fil-misteru tal-Għid ta' Kristu. Huma familji li għalihom il-kelmiet "fit-tielet jum" għandhom tifsira speċjali minħabba li t-"tielet jum" huwa l-jum tal-Qawmien. Għall-koppji u familji nsara li jiltaqgħu ma' ċerti sitwazzjonijiet tqal fil-ħajja taż-żwieġ u l-familja huwa biss il-misteru tas-salib ta' Kristu li jista' jagħti dawl, faraġ u tama.

## Sfida għall-Knisja

27

Dan huwa tassew żmien ta' sfida kbira għall-pastorali tal-familja. Anki dawk il-membri li ma jaqblux ma' dak li tgħid il-Knisja jew ma jimxux fuqu u qed jgħixu sitwazzjonijiet irregolari xorta jibqgħu membri fiha, għalkemm il-fedeltà tagħhom għal dak li tgħallem il-Knisja hija kompromessa. Il-Knisja, filwaqt li tkompli turihom it-triq it-tajba, trid tkompli taqdihom u tqishom bħala wliedha.

L-isfida għall-Knisja tikkonsisti wkoll f'li tkun aktar kreattiva meta tiġi biex tfiehem għaliex ċerti mġiba u sitwazzjonijiet m'humiex aċċettabbli għall-morali nisranija; tfiehem li dawn huma ħżiena għax wara kollox huma ta' ħsara għall-bniedem; tfiehem ukoll li l-valuri li hi tħaddan u xxandar huma ta' ġid mhux biss għall-insara imma għall-bnedmin kollha. Forsi din hi l-akbar sfida għall-Knisja f'dan iż-żmien modern: li aktar ma tħossha b'idejha marbuta minħabba sitwazzjonijiet diffiċli, aktar turi ħeġġa u kreattività fil-qadi pastorali u li tibqa' tkun ta' xhieda għall-ġid spiritwali u uman tal-familja kbira ta' Alla.

Hemm bżonn li nħarsu lejn ir-realtà u naraw it-tbatija li jġibu żwiġijiet li fihom "spiċċa l-inbid". Jeħtieġ nirreżistu kull tentazzjoni li naqgħu fil-qtigħ ta' qalb. L-ebda ilma ma hu se jinbidel f'inbid jekk ma nagħmlux bħal Marija u bil-kuraġġ u bl-umiltà nammettu l-verità u nduru fuq Ġesù u ngħidulu: "Spiċċalna l-inbid!"



## Kap III

## "AGĦMLU KULL MA JGĦIDILKOM HU"

## Proposti ta' azzjoni biex nersqu lejn il-viżjoni mixtieqa

## "Agħmlu kull ma jgħidilkom hu"

28

Is-suġġeriment ta' Marija għall-qaddejja huwa li jagħmlu dak kollu li jgħid Ġesù. Min-naħa tiegħu, hu jagħti struzzjonijiet sempliċi ħafna lill-qaddejja: biex jimlew il-ġarar bl-ilma, imbagħad jiħduh u jnewluh lil dak li kien qed jieħu ħsieb il-mejda. Dan l-ispirtu ta' qadi għandu jkun l-attitudni tal-Knisja fis-servizz li tagħti meta hi wkoll tieħu, tnewwel u tferragħ l-imħabba u t-tagħlim tagħha lil min irid jilqgħu, bla ma timponi xejn fuq ħadd.

Għalhekk fil-kliem ta' Marija "Agħmlu kull ma jgħidilkom hu" jinstema' l-eku ta' kliem simili li qal Ġesù wara li waqqaf l-Ewkaristija meta qal, "Agħmlu dan b'tifkira tiegħi" (Lq 22,19) u dak li qal wara li ħasel riġlejn l-appostli: "Kif għamilt jien magħkom, hekk agħmlu intom ukoll" (Ġw 13,15). Applikat għaż-żwieġ u l-ħajja tal-familja dan il-kliem isir ifisser: "ħobbu kif inħobb jien, b'tifkira tiegħi". Għalhekk l-imħabba ta' bejn il-miżżewġin[17] u bejn il-membri tal-familja kif ukoll l-imħabba ta' l-operaturi pastorali favur il-familja ssib l-għeruq tagħha fl-Ewkaristija. Huwa bl-għeruq fl-Ewkaristija, is-"sagrament ta' l-imħabba", li għandhom jiġu inkwadrati l-proposti u l-ħidmiet kollha li se jissemmew aktar 'il quddiem f'dan id-dokument.[18]

## Il-missjoni tal-parroċċa u l-missjoni tal-familja

29

Fil-ħidma pastorali favur il-familja għandha post speċjali l-parroċċa[19] li fi ħdanha qed ikun issuġġerit li jsiru ħafna mill-proposti f'dan id-dokument. Imma l-ħidma favur il-familja u ż-żwieġ hija l-missjoni partikolari tal-

17 Ara *Familiaris Consortio*, 57.

18 Ara *Gratissimam Sane*, 18.

19 Ara *Familiaris Consortio*, 70.

miżżewġin u tal-familji nsara nfushom li, bis-saħħa tal-magħmudija tagħhom u tas-sagrament taż-żwieġ li l-miżżewġin taw lil xulxin, huma msejħin għal dan.[20] L-ewwel appostolat irid isir fi ħdan l-istess familja bix-xhieda, it-trobbija u t-tmexxija bbażati fuq valuri nsara. Imbagħad din il-pastorali tilħaq ukoll familji oħra, speċjalment dawk fil-bżonn. Għalhekk ħafna mill-proposti suġġeriti jridu jitwettqu minn dawk il-familji nsara li huma mimlijin bil-ferħ ta' l-Aħbar it-Tajba dwar iż-żwieġ u l-familja.

## Tħejjija għaż-żwieġ

30

It-tħejjija għaż-żwieġ ma tibdiex mill-Kors ta' Kana imma mill-benniena, fid-dar tal-ġenituri tal-għarajjes meta dawn ikunu għadhom trabi. Anzi hawn min jgħid ukoll li anki qabel, sa minn meta t-tarbija tkun għadha fil-ġuf ta' l-omm. Faċli li wieħed jgħolli l-aspettattivi tiegħu tal-kors ta' tħejjija għaż-żwieġ u jinsa li hija l-esperjenza kollha tal-ħajja sa mit-twelid jew qabel li, bil-mod il-mod, ħejjiet lil koppja għarajjes għaż-żwieġ tagħhom: it-tfulija, il-familja, l-iskola, il-ħbieb, ix-xogħol, id-dinja tal-kbar. Dawn kollha influwenzaw il-kapaċitajiet u l-attitudnijiet tagħhom dwar iż-żwieġ.

Għalhekk wieħed irid japprezza li sbatax-il siegħa (għal min jattendi l-kors kollu) ma jistgħux isolvu l-problemi kollha jew jagħtu t-tħejjija kollha meħtieġa għaż-żwieġ. Dawk li qed jattendu l-korsijiet ta' tħejjija għaż-żwieġ diġà qed ikollhom opinjoni u attitudni dwar x'relazzjoni qed ifittxu miż-żwieġ u diġà wkoll sawru l-profil tal-mara jew tar-raġel li jridu jiżżewġu. F'dan l-istadju, meta l-biċċa l-kbira tagħhom ikunu diġà qabżu l-għoxrin sena, huwa diffiċli ħafna li l-kors ta' tħejjija għas-sagrament taż-żwieġ iġib fihom tibdiliet rilevanti.

20 Ara *ibid.*, 71.

Tinħass il-ħtieġa li fl-età ta' wara l-ewwel Tqarbina u l-Griżma ta' l-Isqof ikun hemm edukazzjoni orjentata aktar lejn il-ħajja familjari u l-ħajja bejn il-miżżewġin. Anki f'din l-età, it-tfal qed ikollhom iħabbtu wiċċhom ma' sitwazzjonijiet fejn huma jew sħabhom qed jassistu għal konflitti kif ukoll separazzjonijiet bejn koppji. Għalhekk tajjeb li minn kmieni jisimgħu u jkunu mgħallma x'tgħid il-Knisja dwar ċirkustanzi bħal dawn. Dan jgħin ukoll biex f'din l-età, il-pre-adolexxenti jiffurmaw opinjoni sana li jistgħu jqabblu ma' dak li jaraw u jisimgħu fuq il-*media* u minn sħabhom.

Sa mill-1995 kien gie suġġerit biex fil-parroċċi jsiru laqgħat għal koppji żgħar (*going steady*). Dan kien ġie inkluż ukoll fil-Programm Pastorali 1998–2000 u jeħtieġ li dawk il-parroċċi li għad m'għandhomx gruppi bħal dawn jieħdu ħsieb iwaqqfuhom.

## Il-kors ta' tħejjija għas-sagrament taż-żwieġ

31

F'dawn l-aħħar snin seħħew bidliet kbar ħafna fil-mod kif isir il-kors ta' tħejjija għaż-żwieġ. Imma forsi l-akbar bidla seħħet fil-fatt li fejn qabel il-kors kien ikun kollu f'idejn il-Moviment ta' Kana biss, illum Kana qed tieħu ħsieb it-taħriġ tal-koppji mexxejja, it-tħejjija tal-*handouts* u t-taħriġ tal-kelliema, filwaqt li l-parroċċi jew istituzzjonijiet oħra bħall-*University Chaplaincy*, il-*Youth Fellowship* u l-Komunità tal-Kunvent tal-Franġiskani Konventwali tal-Belt Valletta, jieħdu ħsieb isibu l-koppji mexxejja u jorganizzaw il-lat prattiku tal-kors.

Ikun sinjal qawwi u li jidher ta' għaqda fil-Knisja kieku l-korsijiet kollha ta' tħejjija għaż-żwieġ li jsiru f'Malta jsiru f'armonija u b'ċerta uniformità bejniethom. Jista' jkun hemm diżgwid mhux żgħir fost l-għarajjes jekk fil-parroċċi Maltin jiġu organizzati korsijiet differenti bi programmi, stili, materjal, eċċ. li jvarjaw minn xulxin. Meta wieħed iqis iċ-ċokon tal-gżira u r-riżorsi limitati li għandna, ikun aħjar jekk il-forzi ngħaqqduhom fi spirtu ta' servizz u mhux naqsmuhom u nxerrduhom.

## L-età ta' dawk li jiżżewġu u n-numru ta' dawk li attendew il-kors ta' tħejjija

32

Fl-1998 l-età medja tal-għarusa kienet aktar minn 24 sena u tal-għarus kwazi 27.[21] L-għarajjes qed jiżżewġu ta' età akbar minn qabel, l-aktar minħabba fatturi ekonomiċi, speċjalment minħabba li qed jieħdu aktar żmien biex jiżviluppaw l-edukazzjoni tagħhom u minħabba aspettattivi ogħla dwar id-dar li se jmorru joqogħdu fiha.

In-numru ta' koppji għarajjes li matul is-sena 2002 attendew korsijiet ta' tħejjija għas-sagrament taż-żwieġ organizzati mill-Moviment ta' Kana kien ta' 1,301. Dan jinkludi numru ta' koppji oħra li ngħataw kors aktar personalizzat fuq bażi *one to one* (44) kif ukoll f'postijiet oħra fosthom iċ-*Chaplaincy* ta' l-Università (21).

## Taħriġ tal-koppji mexxejja

33

L-għarajjes jixirqilhom u għandhom bżonn għajnuna professjonali f'kull qasam. Għalhekk huwa ta' importanza assoluta li l-koppji mexxejja li jakkumpanjaw lill-għarajjes waqt il-kors ta' tħejjija għas-sagrament taż-żwieġ ikunu mħarrġin sew. F'dan it-taħriġ għandha tingħata enfasi kbira mhux biss lill-aspett psikoloġiku u uman imma wkoll lill-aspett spiritwali u sagramentali taż-żwieġ. Huwa importanti li f'dan it-taħriġ tingħata attenzjoni kbira għall-ispiritwalità tal-ħajja taż-żwieġ u tal-familja kif imfissra fl-ewwel kapitlu ta' dan id-dokument. Dawn il-koppji mexxejja għandhom ikunu ta' ħajja eżemplari u jkollhom tagħrif ċar u sod dwar it-tagħlim awtentiku tal-Knisja dwar il-valuri taż-żwieġ nisrani. Koppji mħarrġa b'dan il-mod jistgħu jiġu rikonoxxuti billi jingħatalhom il-Ministeru tal-Pastorali

[21] Ara Uffiċċju Ċentrali ta' l-Istatistika, *Women and Men 1999*, Malta 2000.

tal-Familja, b'mod li jkunu jistgħu jagħtu kontribut f'ħidmiet oħra mal-familji u mhux biss fil-kors ta' tħejjija għas-sagrament taż-żwieġ.

## Koordinament akbar bejn il-parroċċi u l-Moviment ta' Kana

34

Jeħtieġ li jkompli jikber il-koordinament bejn il-parroċċi u l-Moviment ta' Kana. Gruppi bħal *support groups* għal persuni separati jistgħu jitwaqqfu fil-parroċċa, u l-mexxejja tagħhom ikunu mħarrġa mill-Moviment ta' Kana. Dan il-koordinament għandu jkompli wkoll permezz ta' ftehim bejn Kana u l-parroċċi dwar il-*counselling*.

In ġenerali tinħass il-ħtieġa li l-parroċċi jkollhom viżjoni aħjar u aktar wiesgħa tal-pastorali tal-familja. Nies fil-bżonn ta' *counselling* u ta' *support groups* bħal dawk li ssemmew huma fost il-fqar il-ġodda ta' llum, u għalhekk dawn joħolqu forom ġodda ta' pastorali. M'għandux ikun hemm kompetizzjoni jew duplikazzjoni ta' xogħol mas-servizzi li joffri l-Moviment ta' Kana. Jeħtieġ li l-Knisja f'Malta tagħti kull appoġġ possibbli lill-Moviment, kemm finanzjarjament u kemm f'dak li hu *personnel*, biex dan il-Moviment ikun jista' jwettaq il-missjoni tiegħu aħjar.

## *Follow-up* għall-kors ta' tħejjija għas-sagrament taż-żwieġ

35

Wasal iż-żmien ukoll li bħalma ġew imġedda l-korsijiet għat-tħejjija għas-sagrament taż-żwieġ, isir ħsieb serju kif, f'kollaborazzjoni bejn il-parroċċi u l-għaqdiet u l-movimenti l-oħra ta' appostolat, isir xi forma ta' *follow-up* għall-kors li qed isir bħalissa. Din hija ideja li xi għarajjes stess jixtiquha, wara li jkunu attendew il-kors ta' tħejjija għas-sagrament taż-żwieġ, imma m'humiex isibuha.

Din hija tassew ħasra, għax dan iż-żmien bejn il-kors ta' tħejjija għas-sagrament taż-żwieġ u ż-żwieġ innifsu jista' jkun wieħed tassew ta' grazzja

għall-għarajjes, li fih jistgħu japprofondixxu l-fidi tagħhom, jaraw il-Knisja bħala sostenn għalihom, jiskopru modi oħra ta' talb u jitgħallmu jużaw il-Kelma ta' Alla. Dawn il-laqgħat għandhom jieħdu xejra spiritwali, fejn l-għarajjes jibdew jaraw li ħajjithom irid ikollha l-għeruq tagħha fl-Evanġelju, jekk iridu verament jgħixu s-sejħa tagħhom ta' nsara. Jixraq li jsir tiftix dwar dak li diġà qed isir fi djoċesijiet barra minn Malta f'dan il-qasam.

Dan kien gie ssuġġerit fi proposta li kienet saret snin ilu lill-Kulleġġ tal-Kappillani dwar il-preparazzjoni prossima u immedjata għaż-żwieġ,[22] imma sfortunatament sa llum għadu ma jeżisti l-ebda koordinament jew uniformità f'dan il-qasam bejn il-parroċċi.

## Akkumpanjament ta' saċerdot

36

Is-saċerdot li jkun se jbierek żwieġ sagrament għandu jkun imħarreġ biex:

(i) jiltaqa' mal-koppja qabel iċ-ċelebrazzjoni taż-żwieġ, jekk hemm bżonn aktar minn darba, u jaċċerta ruħu li l-koppja li tkun se tiżżewweġ tkun tagħraf tajjeb li ż-żwieġ hu sejħa sagramentali u tagħraf dak li tkun dieħla għalih;

(ii) jassisti lill-koppja biex isibu gost fit-tħejjija taċ-ċerimonja taż-żwieġ li tagħha fl-aħħar mill-aħħar huma l-ministri;

(iii) fl-ewwel snin taż-żwieġ, hu, jew xi saċerdot ieħor, iżomm kuntatt pastorali permezz ta' żjarat fid-dar, minħabba li dan iż-żmien, kif ukoll il-miġja tat-tfal, jistgħu jkunu mumenti ta' prova għall-koppja.

## Il-*counselling*

37

Servizz importanti pprovdut minn aġenziji tal-Knisja f'Malta huwa l-*counselling*. Dan jingħata fil-parti l-kbira tiegħu fuq bażi volontarja. Huwa

22 Ara Arċidjoċesi ta' Malta, *Lejn is-Sena 2000 bħala Familja – Programm Pastorali 1998-2000*, Malta 1998, 9.9.

importanti li sew jekk jingħata fuq bażi volontarja u sew jekk le, dan is-servizz jingħata minn persuni mħarrġa professjonalment. M'hemmx dubju li n-numru ta' *counsellors* għandu jiżdied u dan b'mod sostanzjali biex ikun jista' jlaħħaq mad-domanda li hawn. Jekk verament tixtieq tkun qaddejja ta' familji fil-bżonn u ta' żwiġijiet li "spiċċalhom l-inbid" jeħtieġ li l-Knisja f'Malta tieħu b'serjetà kbira ħafna din il-kwistjoni.

Fil-fatt, flimkien mat-tisħiħ tal-korsijiet ta' tħejjija għas-sagrament taż-żwieġ (paragrafu 30), it-tisħiħ tal-Kummissjoni Djoċesana Familja (paragrafu 45), il-kummissjoni dwar il-funzjoni pastorali tat-Tribunal Ekkleżjastiku (paragrafu 48) u l-ħidma ma' koppji f'sitwazzjonijiet irregolari (paragrafu 49), il-*counselling* huwa fost l-aktar oqsma li għandha timpenja ruħha fihom il-Knisja f'Malta fiż-żmien immedjat.

## *Counselling* fil-parroċċi

38

Fil-qasam tal-*counselling* ukoll jista' jsir aktar koordinament bejn il-Moviment ta' Kana u l-parroċċi. Dan jista' jieħu diversi forom, fosthom:

(i) li l-parroċċi jħeġġu membri – nisa u rġiel li għandhom il-kwalitajiet meħtieġa – biex jiżviluppawhom permezz ta' taħriġ fil-*counselling*, anki jekk dan ikun ifisser li dawn l-operaturi jnaqqsu mill-impenn tagħhom f'oqsma oħra ta' pastorali fil-parroċċa;

(ii) is-servizz ta' *counselling* jista' jingħata mhux biss fuq bażi ċentrali imma wkoll jinfirex fil-parroċċi u hekk isir aktar aċċessibbli għal min ikollu bżonn. Ikun aħjar li koppja f'diffikultà tkun indirizzata għand *counsellors* f'parroċċa oħra fil-qrib u mhux fl-istess parroċċa tagħhom biex min ifittex għajnuna jħossu f'libertà akbar. Mod ieħor kif tista' tiġi rrispettata din il-libertà hija billi l-*counsellors* ma jkunux mill-istess parroċċa fejn ikunu qed jagħtu s-servizz.

## Ippjanar naturali tal-familja

39

Il-bżonn li jinstabu operaturi ġodda u li dawn jagħtu s-servizz tagħhom fil-parroċċa stess jista' jingħad ukoll għall-għalliema tal-metodi naturali ta' l-ippjanar tal-familja. Diġà huwa diffiċli għall-Knisja li tippromwovi l-metodi naturali[23] f'dinja fejn il-mentalità kontraċettiva hija tant qawwija. Inkunu nirriskjaw li ma nibqgħux kredibbli jekk wara li nippridkaw kontra l-użu tal-kontraċettivi, ma jkollniex riżorsi biex ngħallmu l-metodi naturali u ma nħeġġux għall-virtujiet insara li titlob il-paternità responsabbli.

Huwa magħruf li jeżistu ħafna preġudizzji dwar kif jaħdmu dawn il-metodi, anki fost dawk li jaħdmu mal-koppji. F'dan il-każ ukoll jeħtieġ li jkun hawn tagħlim ċar, aġġornat u korrett. Għat-tħejjija ta' operaturi f'dan il-qasam trid tkun ukoll aġenzija ċentrali bħall-Moviment ta' Kana li tieħu ħsieb it-taħriġ, filwaqt li l-parroċċa tista' tieħu ħsieb il-parti loġistika.

Il-Knisja tħeġġeġ lil dawk fil-professjoni medika, l-aktar dawk li għandhom ispirazzjoni nisranija, biex jinfurmaw u jiffurmaw ruħhom sew dwar dawn il-metodi u biex, fil-kuntatt tagħhom mal-pubbliku, ikunu huma stess li jippromwovuhom u mhux jitkellmu dwarhom b'mod negattiv.[24] Dan is-Sinodu jħeġġeġ ukoll partikolarment lil dawk il-miżżewġin li waslu "għall-milja tar-responsabbiltà tagħhom bħala persuni f'kull ma għandu x'jaqsam ma' l-imħabba u l-ħajja",[25] biex jagħtu x-xhieda siewja tagħhom.

Huwa importanti ħafna li fit-tħejjija tal-*counsellors* kif ukoll tal-għalliema tal-metodi naturali tingħata enfasi kbira mhux biss lill-aspett

[23] Ara *Katekiżmu tal-Knisja Kattolika*, par. 2370.

[24] Ara *Familiaris Consortio*, 35.

[25] *Ibid.*; ara wkoll Pawlu VI, Enċiklika *Humanae Vitae* (25 ta' Lulju 1968), 25.

psikoloġiku jew bioloġiku imma wkoll lill-aspetti spiritwali, etiku u sagramentali taż-żwieġ. Jeħtieġ li dawn l-operaturi jirċievu taħriġ ċar u sod dwar it-tagħlim awtentiku tal-Knisja dwar il-valuri taż-żwieġ nisrani u dwar il-ħajja.

## Bżonn ta' aktar kreattività

40

Il-pastorali ma' koppji li jkunu għaddejjin minn żmien diffiċli fir-relazzjoni tagħhom m'għandhiex tikkonsisti biss fil-*counselling*. Jeħtieġ li nkunu aktar kreattivi minn hekk. Għal koppji bħal dawn jistgħu jiġu offruti aktar okkażjonijiet fejn f'atmosfera ta' talb wieħed ikun jista' jirrifletti dwar ir-rieda ta' Alla għalih fis-sitwazzjoni partikolari tiegħu.[26]

Fil-każ ta' *single parents*, għandhom jiġu offruti *support groups* u għajnuna dwar kif wieħed għandu jġib ruħu ma' l-eks-sieħeb jew eks-sieħba b'mod li l-ulied ma jiġux ikkastigati inġustament minħabba pika bejn il-ġenituri; kif ukoll għajnuna prattika dwar saħħa, xogħol, ikel, finanzi u talb.

## Formazzjoni tas-saċerdoti

41

Il-familji Maltin għadhom jgħożżu u japprezzaw ħafna lis-saċerdoti, li għad għandhom ħafna influwenza. Ħafna jmorru għandhom l-ewwel meta tinqala' problema fil-familja jew problema ta' relazzjoni. Dan huwa pożittiv u jista' jkun ħafna aktar effettiv jekk is-saċerdot ikollu t-taħriġ neċessarju. Dan jitfa' responsabbiltà kbira fuq is-saċerdot li għandu jkun imħarreġ kif jixraq.[27] Mhux kull min hu saċerdot neċessarjament huwa tajjeb għal dan it-tip ta'

26 Bħala eżempju nsemmu l-*weekend retreats* għall-koppji fuq il-linji ta' *Retrouvaille,* li jsiru fil-Kanada u l-Istati Uniti.

27 Ara *Familiaris Consortio*, 73.

pastorali. Xi wħud għadhom ma jagħmlux distinzjoni bejn *counselling* u "tagħti pariri".

Jeħtieġ li, fil-formazzjoni tagħhom, is-saċerdoti jkunu mħarrġa sew dwar relazzjonijiet interpersonali u dwar ħiliet bażiċi.[28] Fi kliem ieħor, iridu jkunu għaddew huma stess minn taħriġ esperjenzali u mhux biss teoretiku, u li fih ikunu "ħadmu fuqhom infushom" u saru konxji tad-dgħufijiet tagħhom u l-kwistjonijiet *(issues)* personali tagħhom biex ma jipproġettawhomx fuq dawk li jiġu għandhom għall-għajnuna. Dan jgħodd mhux biss għal min għadu fil-formazzjoni għas-saċerdozju imma wkoll għal dawk is-saċerdoti li diġà jipprattikaw xi forma ta' *counselling*. Min ikun nieqes minn dan it-taħriġ m'għandux jidħol għal din il-pastorali imma għandu jirreferi lil persuni bħal dawn għand saċerdot jew persuna li jkunu kwalifikati.

## Persuni b'diżabilità

42

**Persuni neqsin mis-smigħ.** Tajjeb niftakru li filwaqt li persuni li jistgħu jużaw il-kelma mitkellma għandhom għażla wiesgħa għand min imorru għal parir jew għal appoġġ, nies neqsin mis-smigħ m'għandhom lil ħadd għand min jirrikorru biex jiddiskutu l-problemi personali tagħhom. Għandu jsir sforz serju biex ikun hemm numru ta' saċerdoti u lajċi li jkunu fluwenti fil-Lingwa tas-Sinjali Maltija. Għal dan il-għan tista' tintalab l-għajnuna tal-Kummissjoni Nazzjonali Persuni b'Diżabilità. Dan jagħmilha possibbli għal dawn il-persuni mhux biss li jsibu pariri u appoġġ imma wkoll l-opportunità li jattendu kors ta' tħejjija għas-sagrament taż-żwieġ u xi laqgħat oħra apposta għalihom.

**Persuni b'diżabilità serja fiżika u/jew mentali.** Xi persuni b'diżabilità serja fiżika u/jew mentali jkunu jixtiequ jidħlu f'relazzjoni jew żwieġ. Minħabba li d-diżabilità tista' tħalli effett fuq il-validità taż-żwieġ u fuq il-kwalità tar-relazzjoni, jeħtieġ li dawn il-persuni jkunu sostnuti u

28 Bħala eżempju ta' dawn il-ħiliet, nistgħu nsemmu empatija u *active listening,* li jinkludu wkoll *self-awareness u personal growth.*

akkumpanjati fil-mixja tagħhom. Il-Knisja f'Malta għandha toħroġ direttivi ċari dwar relazzjonijiet u żwiġijet bejn persuni b'diżabilitajiet bħal dawn. Dan jgħin mhux biss lil dawn il-persuni nfushom imma wkoll lis-saċerdoti u lill-operaturi pastorali li jeħtieġu gwida ċara f'dawn is-sitwazzjonijiet.

**Taħriġ u sensittività.** Barra minn hekk, jeħtieġ li s-saċerdoti jirċievu taħriġ dwar oqsma ta' diżabilità, partikolarment f'dik li hi attitudni meta jkunu qed jaħdmu ma' persuni b'diżabilità u l-familji tagħhom. Għad hemm attitudni fost xi saċerdoti u operaturi oħra li hija bbażata fuq il-mudell tal-"karità", b'atteġġjament pjuttost patronizzanti li, għall-persuni b'diżabilità ta' llum, huwa kompletament inaċċettabbli. Din is-sensibilità akbar tista' tintwera billi nagħmlu l-knejjes, ċentri u bini ieħor fejn jingħata *counselling*, jew servizzi oħra relatati maż-żwieġ u l-familja, aktar fiżikament aċċessibbli.

Jeħtieġ inwasslu l-messaġġ b'mod ċar li persuni b'diżabilità għandhom il-jedd u l-ħtieġa li jgħixu f'ambjent ta' familja, jew dik naturali jew dik alternattiva. Ir-rispett lejn dawn il-persuni jitlob mill-Knisja f'Malta li jkun hemm numru adegwat ta' persuni kwalifikati li jkunu għall-qadi ta' dawn il-persuni b'diżabilità. Jekk m'għandniex, allura għandhom jintbagħtu persuni biex jikkwalifikaw f'ċentri li jispeċjalizzaw f'din il-materja.

Tajjeb li fil-kors ta' tħejjija għas-sagrament taż-żwieġ, kemm fit-taħditiet kif ukoll fl-eżerċizzi li jridu jaħdmu l-għarajjes, jingħata spazju wkoll għall-edukazzjoni dwar il-familja u l-persuni b'diżabilità. Dan għar-raġuni li l-għarajjes ukoll huma esposti għall-possibbiltà li jkollhom tfal b'diżabilità jew li xi waħda mill-partijiet issir diżabbli, għalhekk tajjeb jirrealizzaw li diżabilità f'membru tal-familja toħloq ħtiġijiet speċjali fil-familja kollha.

## Messaġġi skorretti

43

Il-membri tal-Knisja jridu jkunu attenti għal xi messaġġi skorretti li xi wħud minnhom ikunu qed iwasslu. Hawn se nsemmu biss dawk prinċipali imma hemm oħrajn.

**Il-Mara.** Dawk kollha li għandhom il-missjoni li jevanġelizzaw iridu joqogħdu attenti li ma jwasslux messaġġi li r-responsabbiltà unika li tieħu ħsieb u li trabbi l-ulied u li tgħaqqad il-familja hija biss ta' l-omm. Lanqas li l-problemi li hawn illum fiż-żwiġijiet huma kollha minħabba li l-mara ħarġet taħdem. Jeħtieġ inwasslu katekeżi ċara bil-messaġġ li ż-żwieġ u l-ulied u l-familja huma responsabbiltà tal-mara u tar-raġel **indaqs** u li dan, għal min hu nisrani, huwa parti wkoll mis-sagrament, daqskemm huma parti mis-sagrament il-fedeltà u l-indissolubbiltà. Fl-aħħar mill-aħħar xi tfisser il-wegħda li "nħobbok u nirrispettak tul ħajti kollha" li jagħmlu l-miżżewġin dak in-nhar taż-żwieġ tagħhom jekk mhux li jgħixu **bi sħab** il-bqija ta' ħajjithom? Forsi mhux dan kellu f'moħħu l-Ħallieq meta ħalaq lill-bniedem "fuq xbihietu – raġel u mara ħalaqhom" (Ġen 1,2)? Meta ngħidu li l-mara u r-raġel huma ndaqs ma jfissirx li huma f'kollox l-istess: hemm diversità ta' rwoli u kompetenzi li jagħmlu aktar għanja r-realtà umana.

**Vjolenza domestika**. Daqstant ieħor huwa skorrett il-messaġġ li xi drabi jingħata lil xi ħadd mill-koppja, f'ħafna każi l-mara, li għandu jew għandha tissaporti abbużi fiżiċi jew emozzjonali bħala s-salib tagħhom ta' kuljum. L-abbuż qatt ma għandu jiġi ġustifikat jew tollerat. Persuni bħal dawn għandhom ikunu indirizzati lejn servizzi kwalifikati, u jeħtieġ li jkunu sostnuti mill-komunità ta' fidi b'kull mod possibbli.

**Sesswalità.** Messaġġi skorretti oħra li xi drabi jitwasslu huma dwar is-sesswalità. Fis-seklu li għadda seħħew diversi rivoluzzjonijiet, fosthom dik sesswali. Din ir-rivoluzzjoni għamlet wisq enfasi fuq it-teknika, fuq il-frekwenza u fuq il-bioloġija tas-sess mingħajr ma għaqqditu ma' l-imħabba, mal-qdusija, mar-relazzjoni, ma' l-intimità sħiħa. Dak li hu pprojbit u skandaluż spiss ippreżentatu bħala l-quċċata ta' dak li l-bniedem jixtieq. Iż-żwieġ gie ppreżentat bħala antikwat, istituzzjoni li toħonqok u monotonu. In-nuqqas ta' l-imħabba fis-sess jinħass b'mod qawwi fil-pornografija li dejjem tiżdied f'diversi forom. Quddiem dan kollu l-membri tal-Knisja jista' jkollhom it-tentazzjoni jew li jaċċettaw kompletament dak li toffri din ir-rivoluzzjoni – bil-konsegwenza li jagħmlu s-sess inqas uman u banalizzat –

jew li jingħalqu fihom infushom u jqisu dak kollu li għandu x'jaqsam mas-sess bħala dnub – bil-konsegwenza li l-messaġġ nisrani jsir irrelevanti għall-bniedem ta' llum.

B'din l-isfida quddiemu, il-Poplu ta' Alla, speċjalment l-operaturi pastorali, huma mistednin ixandru l-Aħbar it-Tajba wkoll dwar is-sesswalità. Hija okkażjoni li m'għandniex nitilfuha; okkażjoni fejn nistgħu nitkellmu dwar is-sess magħqud ma' l-imħabba – ħaġa li r-rivoluzzjoni sesswali ma kinitx u mhix kapaċi tagħmel. Imdawlin mid-dokumenti tal-Konċilju Vatikan it-Tieni, bl-Għanja tal-Għanjiet u siltiet bibliċi oħra li jitkellmu dwar is-sbuħija u l-qdusija tas-sess, tassew li m'għandniex għalfejn nistħu jew nibżgħu. Ma nistgħux ngħidu li hu permess dak li mhux, imma jeħtieġ inwasslu messaġġ pożittiv dwar is-sess u l-pjaċir li jagħti. Il-pjaċir li hu magħqud ma' l-użu tas-sess huwa maħluq minn Alla bħala parti mill-pjan tiegħu ta' mħabba sħiħa konjugali u riproduttiva taż-żwieġ. Jeħtieġ nibqgħu b'attitudni ta' stagħġib quddiem dan il-pjan ta' Alla, biex la naqgħu f'banalizzazzjoni u lanqas f'inibizzjonijiet żbaljati dwaru.

**Konsistenza.** Messaġġi skorretti oħra jingħataw ukoll meta l-Poplu ta' Alla jisma' saċerdoti, konfessuri u operaturi jwasslu messaġġi li ma jaqblux bejniethom, partikolarment fejn tidħol il-morali familjari. Dan iġib diżgwid kbir fost il-poplu bit-tentazzjoni li wieħed jispiċċa jagħżel dak li l-aktar jaqbel lilu jew dak li jaqbel miegħu. Għalkemm f'xi affarijiet jibqa' lok għal interpretazzjoni jew sfumatura personali, meta jiġi biex iwassal messaġġ l-operatur għandu jiftakar li l-messaġġ li jrid iwassal **m'għandux ikun il-messaġġ personali tiegħu imma dak ta' Kristu u tal-Knisja.** F'dan l-isforz biex il-messaġġ ta' Kristu u tal-Knisja f'suġġett delikat bħal dan jitwassal mhux biss b'mod konsistenti imma wkoll korrett, joħroġ aktar ċar il-bżonn li l-Kummissjoni Djoċesana Familja taġġorna kontinwament lill-operaturi dwar dan il-qasam u li dawn, min-naħa tagħhom, jagħmlu ħilithom kollha biex iżommu ruħhom aġġornati.

## Żjarat lill-familji

44

Jeħtieġ li s-saċerdoti u l-operaturi pastorali jkunu dejjem aktar qrib il-familji u dak kollu li jkunu għaddejjin minnu. Biex il-familji jkunu jinteressahom mill-Knisja jeħtieġ li l-ewwel il-Knisja stess tkun tidher li tinteressa ruħha fihom. Għal dan forsi m'hemmx mod aħjar miż-żjarat fil-familji biex is-saċerdoti u l-operaturi pastorali mhux biss jinfluwenzaw l-ambjent tal-familja imma huma wkoll jiġu esposti għall-idejat u l-bidliet li l-ħin kollu qed iseħħu fi ħdan il-familja.

Il-problema f'dan il-qasam tidher li hi n-nuqqas ta' *personnel*, għalhekk irridu nsibu mezz kif negħlbu dan in-nuqqas, bl-impenn tal-lajċi wkoll. Meta tqis li fil-konsultazzjonijiet ta' dan is-Sinodu dan kien wieħed mill-aktar suġġerimenti frekwenti li saru, ma nistgħux ninjoraw dan is-suġġeriment li, wara kollox, jindika kemm in-nies jixtiequ u japprezzaw il-kuntatt viċin mas-saċerdot.[29]

## Kummissjoni Djoċesana Familja

45

Dan is-Sinodu ta importanza kbira ħafna liż-żwieġ u l-familja tant li għażilhom biex ikunu suġġett għalih u mhux bħala parti minn xi dokument ieħor. Dan is-Sinodu ma jħossx il-bżonn li titwaqqaf xi struttura ġdida għal dan l-iskop. Fil-fatt diġà teżisti l-Kummissjoni Djoċesana Familja.

Madankollu jeħtieġ li l-Kummissjoni tkun dejjem b'saħħitha fil-membri tagħha kif ukoll kreattiva fil-mod kif tiffunzjona biex tkun tassew effettiva

29 Għajnuna sempliċi li tista' tingħata lill-kappillani hi li meta jsir żwieġ f'parroċċa jew knisja, il-kappillan tal-parroċċa fejn se tmur toqgħod il-koppja ġdida jiġi mgħarraf bl-indirizz ta' din il-familja ġdida fil-parroċċa tiegħu biex ikun jista' jagħmel kuntatt pastorali magħha. Dan jgħodd l-aktar għaż-zoni ġodda fejn qed imorru joqogħdu ħafna mill-koppji ġodda.

u effiċjenti. Inbid ġdid jeħtieġ damiġġani ġodda (ara Mt 9,17). Din il-Kummissjoni jeħtieġ li jkollha l-awtorità delegata biex tara li l-bidliet kollha li għandhom isiru jseħħu tassew.

L-iskopijiet u l-ħidmiet ta' din il-Kummissjoni, kif jidhru fil-Istatut eżistenti, għadhom tajbin u attwali. Magħhom għandhom jiżdiedu dawn li ġejjin:

- li l-Kummissjoni tiżgura li s-suġġerimenti li qed isiru f'dan is-Sinodu u li jolqtu mill-qrib il-qasam tal-familja u ż-żwieġ jitwettqu fil-prattika;
- li l-Kummissjoni tgħin konkretament biex l-entijiet ekkleżjali kollha li jaħdmu b'riżq il-familja jilħqu l-għanijiet tagħhom.

Mill-ħidmiet u l-iskopijiet kollha ta' din il-Kummissjoni, l-aktar waħda li għandha tingħata attenzjoni fiż-żmien immedjat hija dik dwar il-formazzjoni u t-taħriġ ta' l-operaturi fil-pastorali tal-familja. Dan it-taħriġ għandu jsir f'kollaborazzjoni sħiħa ma' l-Istitut ta' Formazzjoni Pastorali.[30]

Tajjeb li l-president tal-Kummissjoni tkun koppja miżżewġa.

## Kultura favur il-ħajja

46

Matul dawn l-aħħar snin ix-xjenza medika u l-bioteknoloġija għamlu passi ta' ġgant li qed joffru lill-bniedem, lill-familja u lis-soċjetà in ġenerali kemm ġid kif ukoll riskji. Mhux dak kollu li huwa medikament u teknoloġikament possibbli huwa dejjem moralment aċċettabbli minħabba li ċerti żviluppi joffru iżjed theddid milli benefiċċji għall-ħajja tal-bniedem, għall-familja u għas-soċjetà. Il-kultura tal-mewt li qed iddaħħal fostna l-użu irresponsabbli tal-bioteknoloġija qed tmermer bil-mod il-mod valuri fundamentali, bħalma

[30] Dan l-Istitut jissemma f'diversi dokumenti tas-Sinodu.

huma l-qdusija tal-ħajja umana u l-integrità tal-familja u ż-żwieġ. Pajjiżna m'huwiex maqtugħ mill-bqija tad-dinja. Għalhekk dak li nisimgħu li qed jiġri f'pajjiżi oħra qed narawh iseħħ ukoll f'pajjiżna.

Waħda mill-ogħla prijoritajiet għall-Kunsill tax-Xjenza[31] għandha tkun dik li jippromwovi fost il-poplu Malti l-kultura favur il-ħajja (*Evangelium Vitae*). Il-Kunsill għandu jkun ta' servizz għal kull min jaħdem f'dan il-kamp billi joffri gwida ċara dwar l-iżvilupp mgħaġġel li qed iseħħ fil-bioteknoloġija u, fejn ikun hemm bżonn, jagħmel suġġerimenti prattiċi.

## It-Tribunal Ekkleżjastiku

47

Fis-sena 2002 tressqu 153 każ quddiem it-Tribunal Ekkleżjastiku. Wieħed jirrikonoxxi l-isforzi kbar li qed jagħmel it-Tribunal biex ilaħħaq man-numru dejjem jikber ta' każi li qed jitressqu quddiemu. Nirrikonoxxu wkoll it-titjib li sar dan l-aħħar kemm fil-*front office* tat-Tribunal kif ukoll fil-fatt li għal dawn l-aħħar għaxar snin qed isir kors għall-avukati fil-Liġi Kanonika.

Imma jiddispjaċina li jkollna nammettu li dan mhux qed ikun biżżejjed. Il-fatt jibqa' li d-deċiżjonijiet mhux qed jilħqu jsiru fi żmien raġonevoli, bil-konsegwenza ta' ħafna tbatija fuq xi wħud. Għalkemm il-membri tat-Tribunal qed jagħmlu dak kollu li jistgħu u għalkemm il-każijiet quddiem il-Qorti Ċivili ġieli jdumu aktar, xorta waħda dan mhux biżżejjed.

Fis-sena 2002, it-Tribunal beda jipproċessa dawk il-91 każ li tressqu quddiemu tliet snin qabel (jiġifieri fl-1999). Dan diġà m'huwiex xi dewmien żgħir. Wieħed ma jistax jgħid kemm iddum biex tingħata l-ewwel sentenza f'kull każ, imma hija ħaġa ċerta li jekk l-ewwel sentenza tingħata fi żmien sentejn jew tlieta minn meta tibda tiġi proċessata, u din tmur għall-appell, allura l-każ jerġa' jieħu aktar żmien biex ikun finalizzat.

[31] Dwar dan, ara wkoll id-dokument tas-Sinodu *Kultura-Soċjetà-Knisja*.

Jeħtieġ niftakru li min iressaq il-każ tiegħu quddiem it-Tribunal huwa nisrani u huwa fuq kollox bniedem. Ħafna minnhom qed jagħmlu dan għax jinteressahom mid-deċiżjoni tal-Knisja dwar iż-żwieġ tagħhom. Erba' snin jew aktar minn ħajja ta' bniedem huma twal, aktar u aktar għal min ikun għaddej minn żmien ta' tbatija u għal min ikun ta' ċerta età jew fi żmien kritiku f'ħajtu. Dewmien fl-għoti ta' sentenzi jista' jwassal ukoll lil xi individwi – li forsi jħossuhom ċerti li għandhom każ ta' annullament – biex jibdew jgħixu ma' persuni oħra, bil-kumplikazzjonijiet u l-konsegwenzi kollha morali, soċjali u ċivili.

## Kummissjoni pastorali

48

Għandha tingħata prijorità kbira ħafna lil din il-kwistjoni. Għalhekk għandha tinħatar kummissjoni **pastorali** li l-għan tagħha jkun biss li teżamina x'jeħtieġ isir biex il-funzjoni pastorali tat-Tribunal Ekkleżjastiku f'Malta tkun imwettqa aħjar. Din għandha titqies bħala xi ħaġa urġenti, bl-iskop li t-Tribunal jitmexxa fuq linji aktar effiċjenti u pastorali u biex sens kbir ta' urġenza janima lil kull min jaħdem fih. Din il-kummissjoni pastorali bl-ebda mod ma jkollha x'taqsam mad-deċiżjonijiet infushom tat-Tribunal.

## Sitwazzjonijiet irregolari

49

B'sitwazzjonijiet irregolari nifhmu żwiġijiet "bi prova", għaqdiet bla ebda rabta, insara li żżewġu bi żwieġ ċivili biss, relazzjonijiet bejn persuni ta' l-istess sess, dawk li ġabu d-divorzju minn barra u reġgħu żżewġu ċivilment. Sitwazzjonijiet bħal dawn jitolbu attenzjoni u tattika kbira min-naħa tal-kappillani tal-parroċċi kollha, fejn jgħixu dawn il-persuni, biex b'xi mod jgħinuhom jagħmlu mixja ta' fidi.[32]

[32] Ara *Familiaris Consortio*, 81-84.

Għal dan il-għan, fi ħdan il-Knisja f'Malta għandha ssir diskussjoni serja dwar dan is-suġġett fid-dawl tat-tagħlim u l-prattika pastorali tal-Knisja u li minnha joħorġu linji gwida għas-saċerdoti u għall-operaturi pastorali dwar kif tista' ssir pastorali xierqa u effettiva ma' koppji bħal dawn. Din it-tema tista' tkun, f'qasir żmien, is-suġġett tal-Ġimgħa ta' Aġġornament li ssir kull sena għall-kleru, u li għal din l-okkażjoni tista' tkun miftuħa għal udjenza interessata aktar wiesgħa.

Fost il-ħidmiet pastorali li jistgħu jsiru għal persuni bħal dawn, nistgħu nsemmu azzjoni *follow-up* ma' persuni li jkunu ressqu l-każ tagħhom quddiem it-Tribunal Ekkleżjastiku, speċjalment dawk li jkunu rċevew sentenza negattiva. Din l-azzjoni għandha ssir b'koperazzjoni sħiħa bejn it-Tribunal u l-kappillan tal-parroċċa kkonċernata.

Huwa importanti li hawn ukoll ikunu koppji u familji – aħjar jekk huma stess ikunu "ġarrbu" – li jevanġelizzaw u jagħtu *peer support* lil persuni jew koppji bħal dawn. Ikun aħjar jekk din l-evanġelizzazzjoni u dan is-sostenn isiru taħt id-direzzjoni ta' saċerdot. Fuq kollox huwa importanti li filwaqt li trid tkun magħmula ċara li l-Knisja ma tistax taqbel mad-divorzju, mal-koabitazzjoni, ma' relazzjonijiet bejn persuni ta' l-istess sess eċċ., fl-istess ħin għandna nkunu aħna, il-Knisja stess, li navviċinaw lil min tbiegħed u nagħmlu kull sforz biex ngħinuh jerġa' jsib postu fi ħdan il-Knisja. B'hekk dawn il-persuni jkunu megħjuna biex jibqgħu jħossuhom parti mill-komunità nisranija u mhux maqtugħin minnha.[33]

## Persuni f'sitwazzjonijiet diffiċli, li jixtiequ jieħdu sehem attiv fil-ħajja tal-Knisja

50

B'sitwazzjonijiet diffiċli nifhmu sitwazzjonijiet ta' persuni li minħabba ċirkustanzi f'ħajjithom illum jinsabu separati (kemm jekk bi tfal u kemm jekk

33 Attitudni espressa fid-Diskors ta' Santu Wistin fuq Salm 32,29 (Uffiċċju tal-Qari, XIV-il Ġimgħa, it-Tlieta, Lezzjoni II), fejn jitkellem fuq dawk li huma "mifrudin minna", u jfisser: "irridu jew ma rridux, huma ħutna".

bla tfal) jew *single parents*. M'aħniex nirreferu għal dawk li qed jgħixu sitwazzjonijiet imsemmijin fil-paragrafu preċedenti.

Il-fatt li xi wħud minn dawn ikomplu jfittxu jipparteċipaw fil-ħajja nisranija għandna nqisuh bħala sinjal pożittiv. Anzi f'każ li dawn ikunu qegħdin, b'mod stabbli, jgħixu ħajja li tidher li mhix f'konflitt ma' l-Evanġelju, m'għandu jkun hemm l-ebda diffikultà li jkunu fost il-letturi, katekisti, ministri straordinarji eċċ. li jagħtu sehemhom fil-ħajja tal-Knisja. M'huwiex forsi dan mod qawwi kif il-Knisja tirrikonoxxi l-impenn sħiħ ta' min, anki f'sitwazzjonijiet ta' tbatija kbira fir-relazzjoni jew biex jagħti twelid lit-tarbija, ikun baqa' jipprova jgħix il-valuri nsara akkost ta' sagrifiċċji kbar? B'hekk inkunu qed nagħtu xhieda quddiem id-dinja li dawn m'humiex persuni ta' min jevitahom jew qishom ta' xi grad inqas jew li m'għadhomx aktar parti mill-Knisja. Għall-kuntrarju, il-Knisja tqis li dawn għandhom ħafna x'joffru.

## Segretarjat
## Emigrazzjoni u Turiżmu

51

B'rispett lejn il-fidi tagħna u lejn dawn il-persuni nfushom, hu indispensabbli li dawk li jaħdmu ma' koppji fi żwiġijiet imħallta[34] u ma' koppji li qed jgħixu sitwazzjonijiet irregolari[35] jkunu mħarrġin sew mhux biss fit-tagħrif imma wkoll fil-ħiliet meħtieġa.[36]

Barra minn dan, is-Segretarjat għall-Emigrazzjoni u Turiżmu għandu jara kif jista' jkompli jitjieb il-kors *Marrying to a Foreigner* li jsir għat-tfajliet

[34] Ara paragrafu 23.

[35] Ara paragrafu 49.

[36] Ta' min jinkuraġġixxi korsijiet bħal dak li sar (2001-2002) mill-*Catholic Enquiry Centre* fi ħdan is-Segretarjat għall-Emigrazzjoni u Turiżmu. Biex ikun hemm koordinament akbar, għandu jiġi mistħarreġ kif dan il-kors ikun jinkludi wkoll tagħrif dwar dawk il-ħiliet li huma meħtieġa biex il-pastorali ma' dawn il-koppji tkun aktar effettiva. Jiġi mistħarreġ ukoll kif dan il-kors 'il quddiem ikun jifforma parti mit-taħriġ kollu li għandu jkun koordinat mill-Istitut ta' Formazzjoni Pastorali.

Maltin li jiżżewġu barranin u jistħarreġ kif jista' jiġi estiż b'mod regolari għal irġiel li jiżżewġu nisa barranin. Il-Knisja f'Malta għandha tissapportja dawn l-inizjattivi tas-Segretarjat għall-Emigrazzjoni u Turiżmu b'modi dejjem aktar effettivi.

## Gruppi tal-familji

52

Jeżistu diversi tipi ta' gruppi tal-familja, jew aħjar tal-koppji (Azzjoni Kattolika, Grufan, Miskan, Fokolarini u oħrajn). Jeħtieġ wieħed jara kif dejjem isir tiġdid fil-materjal tal-laqgħat tagħhom – biex dan ikun interessanti u aġġornat – kif ukoll f'taħriġ aħjar tal-mexxejja tagħhom.

Fuq kollox jeħtieġ li dawn il-koppji jiskopru aktar x'inhi l-vera spiritwalità tal-ħajja miżżewġa u tal-familja, japprofondixxu l-ħajja tagħhom tat-talb u jikbru fil-mixja tal-fidi flimkien bħala koppja u bħala familja. Jeħtieġ ukoll li dawn il-koppji jkomplu jinfetħu għall-bżonnijiet ta' koppji u familji oħrajn biex iservu ta' dawl għalihom.[37] Huwa minn fost koppji bħal dawn, fost oħrajn, li wieħed għandu jfittex l-operaturi li jaħdmu fil-qasam tal-familja.

Jeħtieġ li koppji u familji bħal dawn iħossu li hija responsabbiltà tagħhom li jxandru l-aħbar it-tajba li ż-żwieġ nisrani hu possibbli; li l-ħajja miżżewġa hija avventura sabiħa; li dwar iż-żwieġ u l-familja mhux aħbarijiet negattivi u koroh biss hawn x'jitħabbru; li għandna għal xiex nittamaw li l-fjamma tal-fidi li qed ngħaddu 'l uliedna se tibqa' taqbad.[38]

[37] Ara *Gratissimam Sane,* 16: "U għalhekk irridu nsemmu l-ħtieġa ta' solidarjetà speċjali bejn il-familji. Dan jista' jintwera b'għadd ta' suriet fil-prattika, bħalma huma, biex insemmu eżempju, l-assoċjazzjonijiet ta' familji għall-familji. L-istituzzjoni tal-familja tissaħħah b'sinjali bħal dawn ta' solidarjetà li jlaqqgħu flimkien u li jfittxu flimkien tweġib għall-problemi essenzjali tal-ħajja. M'huwiex dan eżempju tassew jiswa ta' l-appostolat tal-familji ma' xulxin? Importanti ħafna għall-familji li jippruvaw joħolqu rabtiet ta' solidarjetà bejniethom. Dan jippermettilhom jgħinu lil xulxin fil-ħidma edukattiva: il-ġenituri jiġu edukati minn ġenituri oħra, u tfal minn tfal oħra. U hekk tinħoloq tradizzjoni partikolari ta' edukazzjoni, li tikseb il-qawwa tagħha mill-karattru tal-'knisja tad-dar' li hu proprju tal-familja".

[38] Ara Omelija tal-Papa, fil-Beatifikazzjoni ta' Luigi Beltrame Quattrocchi u Maria Corsini (21 ta' Ottubru 2001).

Jeħtieġ li dawn il-koppji ma jkunux biss dawk li jirċievu (oġġetti ta') l-evanġelizzazzjoni imma wkoll dawk li jwassluha (suġġetti). Dan jagħmluh kemm bil-ħajja fil-familji tagħhom, kemm bix-xhieda li jagħtu f'ħajjithom kull fejn ikunu, kif ukoll bix-xandir ta' l-Evanġelju fost koppji oħrajn.[39] Dan jista' jsir permezz ta' ħidma man-namrati, *follow-up* tal-kors ta' tħejjija għaż-żwieġ, ħidma mal-koppji fl-ewwel snin taż-żwieġ, ħidma ma' ġenituri qabel il-magħmudija ta' wliedhom, u ħidmiet oħra.[40]

## It-talb bejn il-koppja u fil-familja

53

L-ispiritwalità taż-żwieġ u l-familja, kif mifhuma f'paragrafu 7 u 8, għandha bżonn tkun sostnuta bit-talb.[41] Għal dan il-għan jeħtieġ li d-diversi ċentri ta' spiritwalità li għandna f'pajjiżna u l-movimenti ekkleżjali joffru okkażjonijiet ta' talb u *weekend retreats* indirizzati speċifikament għall-koppji għarajjes u miżżewġin u l-familji, biex iwasslu l-aħbar it-tajba u sabiħa li dak kollu li jagħmel ir-relazzjoni isbaħ (komunikazzjoni aħjar, maħfra, sesswalità, trobbija tat-tfal eċċ.) huwa, flimkien mat-talb, il-materja prima ta' l-ispiritwalità tas-sagrament taż-żwieġ. Għalhekk għandhom jitħejjew *kits* b'materjal adattat biex jintużaw f'okkażjonijiet bħal dawn.

Jeħtieġu wkoll għajnuniet biex il-koppji għarajjes u miżżewġin kif ukoll koppji bit-tfal ikunu jistgħu jitgħallmu forom differenti u ġodda ta' talb. Il-Kummissjoni Djoċesana Familja, flimkien mas-Segretarjat għal-Liturġija jew is-Segretarjat għall-Katekeżi jistgħu jgħinu, fost affarijiet oħra, billi jħejju ktejjeb li jkun fih talb u ċelebrazzjonijiet għall-familja.[42] Dan jista' jkun fih talb tradizzjonali bħar-rużarju, talb ieħor għall-anniversarji, tberik ta' l-ikel

39 Ara paragrafu 29.

40 Ara *Lejn is-Sena 2000 bħala Familja – Programm Pastorali 1998-2000*, Appendix 1.

41 Ara Ġwanni Pawlu II, Ittra Appostolika *Novo Millennio Ineunte* (6 ta' Jannar 2001), 33.

42 Xi ħaġa simili, iżda fuq skala żgħira, diġà giet ippubblikata mis-Segreterija Pastorali fl-okkażjoni tal-Ġublew il-Kbir.

u talbiet oħrajn, kif ukoll suġġerimenti prattiċi dwar modi oħra kif il-koppja tista' titlob flimkien jew mat-tfal.

Għandhom jinstabu wkoll okkażjonijiet fil-ħajja tal-parroċċa biex il-familji u l-koppji jiskopru aħjar l-għaqda li teżisti bejn l-elementi prinċipali tal-quddiesa (att penitenzjali, Kelma ta' Alla, omelija, talb tal-fidili, offertorju, konsagrazzjoni, komunjoni) u l-elementi prinċipali tal-ħajja ta' kuljum tal-familja (jitolbu maħfra, jikkomunikaw bejniethom, joffru lilhom infushom lil xulxin, jikkonsagraw ruħhom għal xulxin, unjoni bejn il-koppja) biex il-quddiesa ssir tassew ħajja u l-ħajja fil-familja ssir kontinwazzjoni tal-quddiesa.

## Sehem il-Gvern

54

Għandhom jinstabu okkażjonijiet f'waqthom biex il-Knisja tħeġġeġ lill-Gvern biex:

(i) idaħħal aktar *family-friendly* u *marriage-friendly policies* (mhux biss għall-ħaddiema fis-settur pubbliku imma wkoll dawk li jaħdmu mal-privat) biex jinkiseb bilanċ aħjar bejn id-dinja tax-xogħol u d-dinja tal-familja, speċjalment fl-ewwel żmien taż-żwieġ meta t-tfal ikunu għadhom fl-ewwel snin tagħhom u għalhekk fil-bżonn tal-preżenza attiva tal-ġenituri u meta l-koppja tkun għaddejja minn żmien ta' tibdil fil-ħajja;

(ii) inaqqas u jikkontrolla, u mhux iżid, l-okkażjonijiet ta' *gambling* fil-pajjiż, minħabba li dawn qed ikunu t-tiġrif ta' ħafna żwiġijiet u familji;

(iii) permezz tal-politika tat-tassazzjoni, jaġevola familji li għandhom it-tfal;

(iv) jirrikonoxxi, b'mod konkret, il-kontribut li l-ġenituri li jibqgħu d-dar għall-familja qed jagħtu lis-soċjetà, biex dawn ikunu fil-fatt liberi meta jiġu għall-għażla jekk għandhomx jaħdmu barra mid-dar jew le.

## Koppji bla tfal

55

Spiss koppji bla tfal iħossu li "naqashom l-inbid" meta jaraw li l-imħabba tagħhom ma nisslitx ħajjiet ġodda. Madankollu koppji bħal dawn jistgħu jagħtu xhieda meħtieġa ta' mħabba inkondizzjonata bejn il-miżżewġin. "Għaliex qiegħda tibki u għaliex m'intix tiekol? Għala int qalbek sewda? M'inix jien għalik aħjar minn għaxar ulied?" (1 Sam 1,8). Il-Knisja għandha tkun qrib dawn il-koppji f'din it-tbatija, biex dawn jaslu biex jiskopru li minkejja li ma jistgħux ikollhom ulied, xorta waħda jistgħu jkunu ta' siwi kbir billi "jagħtu ħajja" lis-soċjetà, permezz ta' ħidma edukattiva, għajnuna lil familji oħra jew lill-fqar jew lil tfal b'diżabilità.[43] B'dan il-mod huma juru b'mod aktar ċar il-valur tar-relazzjoni bejn il-koppja, li xorta tista' tagħti frott għalkemm fuq livell differenti.

Mod effettiv ieħor, u li jistgħu jieħdu sehem fih ukoll koppji li għandhom tfal, huwa billi jagħmlu l-pass kuraġġuż ta' l-adozzjoni ta' tfal kemm Maltin kif ukoll barranin. Pass ieħor f'din id-direzzjoni u li jitlob ġenerożità kbira huwa l-*fostering*. Filwaqt li tfal Maltin għall-adozzjoni llum ma tantx issib, għall-*fostering* dejjem issib.

Il-parroċċi jistgħu jgħinu billi jorganizzaw *support groups* għal koppji bla tfal u għal ġenituri li adottaw jew bi ħsiebhom jadottaw; jagħmlu l-familji fil-parroċċa konxji dwar x'inhu l-*fostering* u jfittxu ġenituri li jistgħu jkunu *foster carers* prospettivi.

## Kif ngħinu 'l uliedna jagħmlu "kull ma jgħidilkom hu"

56

Għandhom jiġu inkuraġġiti korsijiet dwar *parenting skills* bħala dover ta' kull koppja li trid tgħix il-vokazzjoni tagħha ta' ġenituri. Speċjalment meta dawn

43 Ara *Familiaris Consortio*, 14.

il-korsijiet isiru fil-parroċċi, mal-laqgħat li soltu jsiru, għandha tiżdied oħra. Din tkun dwar kif il-ġenituri jistgħu jgħaddu l-fidi lil uliedhom. Dan diġà kien ġie ssuġġerit fil-*Programm Pastorali 1998-2000*[44] imma s'issa għadu ma sarx.

Barra minn din il-laqgħa *extra* ma' dawk li jsiru f'korsijiet ta' *parenting skills*, għandhom jitħejjew ukoll korsijiet oħra li jkunu speċifikament dwar l-edukazzjoni fil-fidi. Dawn għandhom jikkonsistu f'numru ta' laqgħat li jiġu offruti lill-ġenituri fi żminijiet partikolari tat-trobbija ta' wliedhom (bħall-ewwel Tqarbina, il-Konfermazzjoni). Dawn għandhom jolqtu l-għajn u jistgħu jkunu fuq l-istess stil bħal dawk dwar *parental skills*, b'għajnuniet viżivi u fuljetti apposta, imwasslin minn nies imħarrġa apposta u li jħajru d-diskussjoni bejn dawk li jattendu. Membri fil-Gruppi tal-Familji msemmijin f'paragrafu 52 jistgħu jkunu strumentali f'din il-ħidma ma' ġenituri nsara bħalhom li għandhom bżonn sostenn kontinwu fil-mixja fil-fidi ta' wliedhom.

44 Ara paragrafu 9.11.



# Kap IV

# “WARA DAN, NIŻEL KAFARNAHUM”

## "Niżel Kafarnahum"

**57**

"Dak li għamel Ġesù f'Kana tal-Galilija kien l-ewwel wieħed fost is-sinjali tiegħu. Bih wera l-glorja tiegħu u d-dixxipli tiegħu emmnu fih. Wara dan, niżel Kafarnahum, hu, ommu, ħutu u d-dixxipli tiegħu" (Ġw 2,11-12). Wara l-ewwel sinjal tiegħu, Ġesù ma baqax fis-sala tat-tieġ imma niżel fil-belt tiegħu li fiha kien jgħix kuljum, jgħallem u jfejjaq u jxandar l-imħabba tal-Missier.

Jalla kull min, b'xi mod, ħa sehem f'dan is-Sinodu joħroġ minn din is-"sala tat-tieġ ta' Kana" u hu wkoll "jinżel fil-belt ta' Kafarnahum", fil-belt fejn jgħix il-ħajja ta' kuljum tiegħu, biex ikun sinjal ta' l-imħabba tal-Missier fid-dinja. Jalla Ġesù jkun il-mistieden speċjali fiż-żwiġijiet u l-familji Maltin kollha. Jalla għall-istedina ta' Marija biex "nagħmlu kull ma jgħidilna hu" il-Knisja f'Malta, permezz ta' dan is-Sinodu, tkompli tiġġedded, biex tkun tista' tnewwel u tferragħ l-inbid it-tajjeb lill-familji Maltin kollha, fi żmienna.

*Pubblikazzjoni ta' l-Arċidjoċesi ta' Malta, 2003*

*ISBN: 99932 - 49 - 10 - 4*